SOUND
+
LIGHTS

Act 1 - 33
2 - 65

SILVAN GRIXTI

# "ROBIN HOOD"

PANTOMIMA

TA' TREVOR ZAHRA

**ROBIN HOOD - PANTOMINA DEC. 2004**

**LIGHTING CUE SHEET**

*ACT ONE*

| Cue | | Details |
|---|---|---|
| 1. | | Fade out House lights |
| 2. | | Scene PALAZZ |
| 3. | | Scene FORESTA |
| 4. | | Scene BITHA TAL-PALAZZ |
| 5. | | Fade out lights & House lights on |

END OF ACT ONE

*ACT TWO*

| | | |
|---|---|---|
| 6. | | Fade out House lights<br>Scene BITHA TAL-PALAZZ |
| 7. | | Scene FORESTA |
| 8. | (Visual cue) | Black out for 5 sec |
| | | FOLLOWED BY |
| 9. | | Restore lights |
| 10. | (on cue by actor) | Dim to half |
| 11. | (on cue by actor) | Restore lights |
| 12. | | Fade out lights and House lights on |

END OF ACT TWO

**ROBIN HOOD - PANTOMINA DEC. 2004**

**LIGHTING CUE SHEET**

*ACT THREE*

| Cue | | Details |
|---|---|---|
| 13. | | Fade out House lights<br>Scene TOURNAMENT |
| 14. | (on cue by actor) | Dim lights |
| 15. | (on cue by actor) | Restore lights |
| 16. | | Scene FORESTA |
| 17. | | Scene TOURNAMENT |
| 18. | | Dim lights for erecting giljottina |
| 13. | | Scene TOURNAMENT & GILJOTTINA |

END OF ACT THREE

| | | |
|---|---|---|
| 2. | | Full lights for curtain call |
| 1. | | Fade out lights & House lights on |

**ROBIN HOOD - PANTOMINA DEC. 2004**

**SOUND CUE SHEET**

*ACT ONE*

| Cue | Sound |
|---|---|
| 1. | Opening music CD 1 Track 6 (fade out when actors on stage) |
| 1A | S.E. Dragun CD 3 Track 2 – |
| 2. | Song DAD- DRAGUN Cd 2 T. 1 |
| 3. | Song WILD DANCES Cd 2 T. 9 (fade out on 0.32 sec) |
| 3A | S.E. Dragun Cd 3 T. 2 |
| 4. | Song HEALTH & SAFETY Cd 2 T. 2 |
| 4A | S.E. Robin Cd 3 T. 5 (page 19) |
| 4B. | S.E. Dragun Cd 3 T. 2 (page 19) |
| 4C | S.E. Robin Cd 3 T. 5 (page 20) |
| 5 | Music Cd 1 T. 6 (introducing of merrymen) |
| 5A | S.E. Dragun Cd 3 T. 2 (whole effect – loop it) |
| 6. | Music Cd 1 T. 6 (on closed curtain) |
| 7. | Music Cd 1 T. 6 (low increasing with closing curtain) |

END OF ACT ONE

**ROBIN HOOD - PANTOMINA DEC. 2004**

**SOUND CUE SHEET**

*ACT TWO*

| Cue | Sound |
|---|---|
| 8. | Opening music CD 1 Track 6 (fade out when actors on stage) |
| 9. | Song FORSI NAQBDUH Cd 2 T. 3 |
| 9A | S.E. Robin Cd 3 T. 5 |
| 9B. | S.E. Robin Cd 3 T. 5 |
| 10. | Song FIL-FORESTA Cd 2 T. 5 |
| 10A | S.E. Dragun Cd 3 T. 2 |
| 11. | Music Cd 1 T. 6 |
| 11A | S.E. Dragun Cd 3 T. 2 |
| 12. | Music Cd 1 T. 6 (low increasing with closing curtain) |

END OF ACT TWO

**ROBIN HOOD - PANTOMINA DEC. 2004**

**SOUND CUE SHEET**

*ACT THREE*

| Cue | Sound |
|---|---|
| 13. | Opening music CD 1 Track 6 (fade out when actors on stage) |
| 14. | Song SHAKE IT New Cd T. 1<br>(after change to Cd 2) |
| 15. | S.E. Fanfare Cd 3 T. 4 |
| FOLLOWED BY | |
| 16. | Song HUDU L-MIRA Cd 2 T. 6 |
| 16 A | S.E. Robin Cd 3 T. 5 (Page 59) |
| 16 B | S.E. Dragun Cd 3 T. 2 |
| 17. | S.E. Fanfare Cd 3 T. 4 (LOOP IT) |
| 18 | Arrow flies Cd 2 T. 11<br>Arrow flies Cd 2 T. 12 |
| 18 A | S.E. Dragun Cd 3 T. 2 |
| 19. | Music Cd 1 T. 6 |
| 20. | Music Cd 1 T. 6 |
| 21. | Music Cd 1 T. 6 |
| 22. | Song DAN IL-JUM Cd 2 T. 7 (1 FB) |
| 23. | Music Cd 1 T. 6 (low increasing with closing curtain) |

END OF ACT THREE

CONTINUE MUSIC FOR CURTAIN CALL - UNTIL HOUSE LIGHTS ARE ON

# L-EWWEL ATT

## XENA 1 A

***Mill-paltea jidħol il-KOR, il-PREŻENTATUR, il-MERRYMEN, u xi NIES oħra.***
***Ikollhom bnadar, sfafar, ċuqlajti eċċ. Jgħaddu jixħtu rollijiet ta' karti fuq in-nies u jagħmlu storbju sħiħ.***

***MUŻIKA BRIJUŻA. (Dumbo)***

S.C. 1 Music

***Il-KOR jieħu postu fuq it-taraġ waqt li l-oħrajn kollha jibqgħu telgħin fuq il-palk.***
***Malli jitilgħu jiftaħ is-separju u nsibu biss 'half stage' vojt bil-purtiera s-sewda.***

LC 1 HL
LC 2 Stage

## XENA 1 B

PREŻENTATUR — Kollox sew, kollox. Prosit. Ċelebrazzjoni sabiħa. Imma issa tistgħu tieqfu.

FOLLA-1 — Isma' Sur Preżentatur, tista' jekk jogħġbok tgħidilna ftit, x'aħna sewwa sew, x'qegħdin niċċelebraw.

KULĦADD — Tassew hux... għalfejn dal-briju kollu?

PREŻENTATUR — *(mifxul)* Ħeqq... hmmm.... kif naqbad ngħid? Ħeqq... għax panto hekk jeħtieġ li tibda, bil-briju. Festa, kummiedja, sfilata...

ŻMAGAT — Imma allura m'aħna qed niċċelebraw xejn?

***JIDĦOL FRA TAKK...***

FRA TRAKK — Ħbieb smajtuha l-aħbar: Lil Prince John ħarablu l-*pet* li għandu u tgħidx kemm hu nkwetat.

KULĦADD — *(jifirħu u jċapċpu)* Prosit ... ħaqqu ...

PREŻENTATUR — Dik hi kollha. Qed taraw... kont naf jiena! Dak hu li qed niċċelebraw. It-telfa tal-pet tal-......

KULĦADD — *(flimkien bħala kor)* kiefer, viljakk, kattiv, bla qalb, Prince John... ehhhhh. *(Kulħadd jifraħ).*

FRA — Stennew.... stennew... imma intom tafu x'inhu l-pet ta' Prince John.

FOLLA-2 — Mhux xi kelb tal-but.

CHARDONNAY — Jew hamster

BOMBA — Jew pett ta' żarbun.

FRA — Għandkom żball ħbieb tiegħi! Il-*pet* ta' Prince John huwa.... DRAGUN...!

***Ilkoll iwerżqu u jidħlu 'l ġewwa. Imma l-Fra ma jindunax u jibqa' jgħid waħdu:***

FRA — Dragun tal-biża' li bħal issa qiegħed jiġġerra mal-belt kollha, għassa l-ħin kollu biex isib lil xi ħadd waħdu u... jibilgħu. *(jinduna li jinsab waħdu).*
Oj... fejn mar kulħadd? Stennewni. *(Jaħrab).*

***Jitfaċċa l-PREŻENTATUR.***

PREŻENTATUR — Ara x'għamilli... gerrixli 'l kulħadd 'il ġewwa; konna bdejna tajjeb tant jaħasra. *(Jindirizza lil "Backstage")* Dak id-Dragun tgħidx kemm hu mans... jiekol minn idek... bi drieġħek b'kollox. Ejjew ħa nkomplu għax hemm wara qed jistennew. Purtiera!

***Titla l-purtiera s-sewda u jitfaċċa l-Palazz: (Sett-A)***

## *Xena 2A*

***Sett-A .... IL-PALAZZ:***
***FULL STAGE - drapes fuq il-wings, balavostri fuq il-platforms, taraġ joħroġ minn taħt il-platform tan-nofs, Cyc wara bid-dwal isfar fuqha.***

***Jidħol XERIF imbaqbaq jitkellem waħdu.***

XERIF — Issa dan kien jonqosna! Jaħrablu d-Dragun! U issa naf x'inhu ġej... se jwaħħal fina. U int tmur minn taħt.... *(idur u jintebaħ li sieħbu mhux qiegħed hemm).* Fejn baqa' dak. Forċina! Forċina!

***Jidħol FORĊINA.***

FORĊINA — Hawn Xerif. X'ġara?

XERIF — Kif x'ġara?! Il-palazz kollu jinsab ta' taħt fuq, Prince John għandu fuqu rabja ta' kelb u inti tistaqsini x'ġara. Jeħtieġ insibuh.

FORĊINA — Lil Prince John?

XERIF — Lid-Dragun!

FORĊINA — Allura min għidtli li qaleb il-palazz ta' fuq?

XERIF — Jekk se tibqa' sejjer hekk JIEN se naqliblek moħħok ta' taħt fuq.... għalkemm ma tantx nista' naqlibhulek aktar milli diġa hu. Dak l-iżmagat ta' Prince John, żgur jaqtagħlna rasna barra jekk ma nsibuhx. U kollu tort tiegħek. Int l-aħħar li mort tagħtih jiekol. Bil-fors li ma sakkartx il-bieb sewwa.

FORĊINA — Imma inti suppost tiċċekkja l-bibien kollha.

XERIF — Meta mort niċċekkja l-bieb, sibtu miftuħ u d-Dragun għosfor.

FORĊINA — Mela messek mort iċċekkjajtu qabel.

| | |
|---|---|
| XERIF | Issa x'se nagħmlu biex nikkalmawh lil dak l-ispissjat ta' Prince John. |
| FORĊINA | Ftit ilu għidtlu żmagat. |
| XERIF | Żmagat u spissjat. Kollox joqgħodlu. |
| FORĊINA | Anki viljakk? |
| XERIF | Aħdar, bla qalb, muntun, ħanżir, mogħża.... |
| | ***Jidħol PRINCE JOHN. XERIF jinduna bih, imma FORĊINA jkun dahru lejh.*** |
| XERIF | Twajjeb... illustrissmu.... ġentili... |
| FORĊINA | Kif jista' jkun muntun u mogħża u ġentili fl-istess ħin?? |
| PRINCE | Isktu... għax għandi qalb nibgħatkom it-tnejn għal taħt il-giljottina. |
| FORĊINA | Jien nisimgħu biss kont qiegħed. Hu qallek muntun u bodod. Le... bodbod ma qallekx. Muntun, ħanżir... u kien hemm xi annimal ieħor... insejt x'kien. |
| PRINCE | Dak id-Dragun tgħidx kemm kont sibtu komdu. Kont nagħtih jiekol lill-priġunieri u b'hekk nikkontrolla l-popolazzjoni tal-Belt. X'għamiltu s'issa? |
| XERIF | Qegħdin nistudjaw il-każ. Imma mkien ma sibna marki ta' saqajh. |
| PRINCE | Insejtu li d-Dragun itir? |
| FORĊINA | Għidtlek jien... dak żgur għadda mill-ventilatur! |
| PRINCE | Jekk ma jinstabx s'għada, intom it-tnejn għall-mewt. |
| XERIF | Imma mhux tort tiegħi, Sire.... dak ħalla l-bieb miftuħ. |

| | |
|---|---|
| FORĊINA | Issa ftakart! Mogħża! |
| PRINCE | X'mogħża hi! |
| FORĊINA | L-annimal l-ieħor li kien semma x-Xerif. |
| PRINCE | Dak id-Dragun kien il-*pet* ta' ħija.... ir-Re Rikardu... dak il-... |
| FORĊINA | Mogħża! |
| PRINCE | Prosit.... |
| FORĊINA | *(aside)* Mhux ħuk hu...! |
| PRINCE | ..... u jekk meta jiġi lura mill-kroċjata ma jsibux, ibqgħu ċerti li jien nagħmel kroċjata oħra biex lanqas tibqa' sufa waħda minn ġisimkom.<br>*(lix-XERIF)* Sejjaħ lis-suldati. |
| XERIF | *(lil FORĊINA)* Sejjaħ lis-suldati. |
| FORĊINA | Suldati. |
| PRINCE | *(lix-XERIF)* U sejjaħ lis-sefturi. |
| XERIF | U sejjaħ lis-sefturi. |
| FORĊINA | Sefturi! |
| | ***Jidħlu SULDATI u SEFTURI.*** |
| PRINCE | Għidilhom x'għamhom jagħmlu. |
| XERIF | Mela. Intilef Dragun iwieġeb għall-isem ta'... *(idur fuq FORĊINA)* X'kien jismu? |
| FORĊINA | *(idur fuq PRINCE JOHN)* X'kien jismu? |
| PRINCE | Warrbu min-nofs ja żewġ imbeċilli, ħalli nkellimhom jiena. |

***Waqt il-kanuznetta li ġejja, is-SEFTURI u s-SULDATI jibnu mudell tad-Dragun biċċa biċċa, skond ma tgħid il-kanznetta.***

SC. 2
DAD-DRAGUN

*KANZUNETTA - 1.*

Pick a Pocket or Two

PRINCE JOHN
Dad-Dragun mhux taċ-ċajt
Bħalu jien, qatt ma rajt,
Żaqqu ġiet ma nafx minn fejn;
Donnha tank tal-ħamsa w erbgħin
Donnha tank tal-ħamsa w erbgħin...
Jiekol qatt ma jixba' minn xejn.

KOR
Dad-Dragun mhuwiex taċ-ċajt
Bħalu jien qatt għadni ma rajt!

PRINCE JOHN
Għandu ras daqs ta' ljun
Tonda sew, bħal ballun,
X'ħin b'għajnejh iħares lejk,
Tkun tixtiequ jwarrab minn ħdejk,
Tkun tixtiequ jwarrab minn ħdejk....
Żgur li tħoss jirtogħdu riġlejk!

KOR:
Għandu rasu daqs ta' ljun
Tonda donnha kienet ballun!

PRINCE JOHN
Għandu jdejh, tassew żgħar
U riġlejh daqs ta' ħmar,
'Kk jirfsek b'siequ jistordik,
Fl-art mitluq bla saħħa jħallik!
Fl-art mitluq bla saħħa jħallik....
Ġo l-iskip f'sekonda jarmik!

KOR:
Għandu jdejh ċkejkin u żgħar,
U riġlejh taħsibhom ta' ħmar!

PRINCE JOHN
Denb twil, ftit ħadran,
Donnu d-denb ta' xitan,
Bil-velenu, bħal miġnun,
Kif ikun id-denb ta' skorpjun

| | | |
|---|---|---|
| | Kif ikun id-denb ta' skorpjun.... |
| | Lanqas ħaj sekonda ma' ddum! |
| KOR: | Denbu twil, mibrum, ħadran; |
| | Donnu bħalma jkollu x-xitan! |
| | |
| PRINCE JOHN | Bil-ġwenħajn, ta' farfett |
| | Jaf itir, sa fuq nett, |
| | Stennew ftit.... mhux sew qegħdin |
| | Naħseb li għidtuilkom ħażin, |
| | Għax il-ġwienaħ l'għandu weqfin, |
| | Aktar jixbhu 'l dawk t'amorin! |
| KOR: | Imm' iss'għandu tal-farfett |
| | U bihom ser itir sa fuq nett! |

---

***Ma' tmiem il-kanzunetta il-mudell tad-DRAGUN jitla' 'l fuq. Kulħadd jitlaq.***

---

## *XENA 2B a ae e A AA A*

*a N 1*

DORA

Jaħasra, fejn mar dak iż-Żigużajg ta' qalbi? *(lill-udjenza)* Rajtuh xejn? Hii ara kemm hawn nies. Qegħdin tieħdu pjaċir xejn? U ajma kif jista' jkun qed tieħdu pjaċir, għadna bil-kemm bdejna. Għadkom ma rajtu xejn għax il-kbir.... isa qatt ma smajtuh jgħidha din lill-Freddie Portelli... <u>il-kbir għadu ġej!</u> *(tara li l-udjenza jgħiduha magħha).*
Mela... jiena jisimni DORA BUTTONS. Tgħiduli imma inti kif dħalt fl-istorja ta' Robin Hood. Dażgur li nidħol. Jien naħbat oħtu. Dora Buttons Hood. Oħtu l-kbira.... kbira nsomma... ikbar minnu xi xahrejn!
Lili fl-istejjer qatt ma jsemmni, għax ħafna drabi l-istejjer jiktbuhom l-irġiel u lilna n-nisa jagħtuna l-ġenb. Imma issa taraw li Allaħares ma kontx jien għalih. Jien darrejtu jkun qalil sa minn mindu konna żgħar. Kont dejjem nagħtih jilgħab b'xi

Effects:

1. ~~D.~~
2. D
3. ~~Fanfare~~
4. Fanfare
5. Robin whole effect.
6. ~~Robin~~
7. [illegible]

sikkina daqsiex, bix-xfafar tal-leħja, b'xi *chain saw*. Darba biex jiċċajta, lil missieri kien qatagħlu rasu barra.
Imma ara jien ukoll qed noqgħod naħli l-ħin fit-tpaċpiċ. Jien ġejt infittex liż-Żigużajg ta' qalbi. Intom tgħiduli x-Xerif... imma jien nippreferi ngħidlu "Żigużajg" għax malli narah qalbi tibda sejra hekk... żigużajg. Hux kemm hu ħelu! Id-darba l-oħra ġie jiġbor it-taxxi u meta tani lura ċ-ċitt tal-VAT kien se jħossni ħażin. Bqajt inżommha taħt l-imħadda. Mitluf warajja jaħasra.

***TIDĦOL MAIDE MARIANNE flimkien mas-SEFTURI***

---

## Xena 2C

***Sett bħal qabel --- SettA: IL-PALAZZ ... FULL STAGE***

MAIDE M'ANNE — Ara sibtek sa fl-aħħar! Tgħidx kemm ili nfittxek....

DORA — *(Għadha mitlufa)* Imma ja mgħarraq li hu donnu xejn m'għandu kuraġġ. Mitluf warajja u m'għandux ħila jgħidli ċar u tond.

MAIDE M'ANNE — X'inti tgħid?

DORA — Ara Maide Marianne. Kont qed infittxek.

MAIDE M'ANNE — Qegħdin tajjeb mela.... infittxu lil xulxin.

DORA — Għandi ittra għalik.

MAIDE M'ANNE — Ixxx tgħajjatx li ma jisimgħukx dawk *(għas-sefturi)*. Dawk dejjem iduru warajja.

DORA — Isma' lil dawk *(għall-udjenza)* għadek lanqas sellimtilhom.

MAIDE M'ANNE — Dawk min?

DORA — Ajma x'kull waħda.... l-udjenza. Ġew apposta biex jarawna. *(lill-udjenza)* Ħa ngħidilkom, din taħbat Maide Marianne...

tfajla nobbli... *(iddur lejn MAIDE M'ANNE)* mingħalija tiġi xi ħaġa minn Prince John, hux hekk?

MAIDE M'ANNE — Il-bużnannu tiegħi, terz kuġin mal-bużnannu tan-nanna ta' oħt omm l-ex mara ta' Prince John.

DORA — Qiskom aħwa nsomma. Imma l-aqwa ħaġa mhux dik hi: Maide M'Anne u ħija Robin Hood.. jinħabbu.

MAIDE M'ANNE — Iva kemm se tgħajjat?

DORA — Jekk ma ngħajjatx dawk t'hemm wara ma jisimgħunix. Intom qed tisimgħuni??? Qed tara.

MAIDE M'ANNE — Imma jistgħu jisimgħuk dawk.... *(għas-sefturi)*

DORA — U mur 'l hemm. *(tersaq lejn is-sefturi)* Intom smajtu xi ħaġa?

SEFTURI — Dwar xiex?

DORA — Dwar li Robin Hood u Maide M'Anne jinħabbu.

SEFTURA-1 — Le!

SC 3 song

DORA — *(lil MAIDE M'ANNE)* Qed tara! Fuq il-palk tista' tagħżel inti min jismgħek u min le. Bħal dawk ta' fuq ir-radju.

MAIDE M'ANNE — Isma', inti dik l-ittra ġibthieli jew le?

DORA — Hawn ħa. Jien dan tagħkom ma nafx x'namur hu. Tinħabbu bl-ittri biss u għadkom qatt ma ltqajtu. Mur ġib lili jaħasra. Jien jekk indum jumejn ma' nara liż-Żigużajg ta' qalbi, jintebaqli l-istonku!

MAIDE M'ANNE — Imma għal issa l-imħabba tagħna hemm bżonn tibqa' sigrieta.

DORA — U ruħi, mela f'Malta hawn xi ħaġa li tibqa' sigrieta. Lanqas fil-Parlament! Ejja għadek ma ftaħthiex?

SC 3

| | |
|---|---|
| | Agħtih din. |
| DORA | Kif? Ġa weġibtu u għadek lanqas biss qrajtha. |
| MAIDE M'ANNE | *(b'imħabba)* Għax ġa naf x'fiha. |
| DORA | Mela lanqas ħaqq il-battikati li qed tagħtuni... qisni tal-posta fi żmien il-Milied. Ruħi inti għandek bżonn min jagħtik *lecture* dwar l-imħabba. L-imħabba, meta tkun qawwija... taf kif tkun? |
| MAIDE M'ANNE | Kif tkun? |
| DORA | Bomba! Preċiżament... Bomba! |

curtain closes

SC 3 WILD DANCE

~~KANZUNETTA - 2~~

*(La Bomba)*

## BOMBA

– W. DANCES

NO 9

DIFFERENT LYRICS

| | |
|---|---|
| DORA | Booooooooomba |
| KOR | Ilma |
| DORA | Xarrbuli wiċċi b'naqr'ilma |
| KOR | Friefet |
| DORA | Fl-istonki għandi salt friefet |
| KOR | Friefet |
| DORA | Fl-istonku għandi salt friefet |
| KOR | Friefet |
| DORA | Għandi l-friefet qed jittajru |
| | W daqt jisplodu f'bomba |
| KOR | Bomba |
| DORA | Par għajnejn jittawlulek |
| KOR | Bomba |
| DORA | Par xofftejn jitbisssmulek |
| KOR | Bomba |
| DORA | Par idejn imellsulek |
| KOR | Bomba |
| DORA | Iva tħossok se tisplodi |
| | Tassew, tassew, tassew, tassew! |

Q2UMhux għalissa.. meta nkun waħdi. Ħa.. (...

KOR Jekk fid-dinja hawn xi ħaġa li titilfek
Li taf tmellsek u tigirfek,
Hi l-imħabba sħuna,
Xi kultant miġnuna,
Iddawrek rasek 'l isfel
U taqtagħlek nifsek.
Xħin tħoss li qed jitrabba
Il-ġenn kollu ta' l-imħabba.

DORA Isma' sewwa dal-parir:
Jien naf x'tagħti l-ħajja tagħna
KOR Għax anzjana!
W ilek magħna!
DORA Rajt l-imħabba kif tinbena
KOR Tul dawn l-aħħar
Ħamsin sena!
DORA Aħtaf sew kull okkażjoni
KOR Mingħajr l-iċken
Eċċezzjoni!
DORA Għax l-imħabba taf taħrablek
KOR U ż-żmien dejjem,
Jiġri qablek.

DORA Boooooooomba
KOR Nagħli
DORA Kemm inbaqbaq u nagħli
KOR Bħali
DORA Qisni kaxxa nfernali
KOR Goffa
DORA Daqt nixpakka w niżbroffa
KOR Bomba
DORA Bħal vulkan inħoss l-imħabba
Se tisplodi f'bomba;
KOR Bomba

DORA L-imħabba akbar minn bomba
KOR Kbira
DORA Għal ħajja isbaħ taspira
KOR Bomba

| | |
|---|---|
| DORA | U l-ġmiel madwarek tammira |
| KOR | Bomba |
| DORA | Ma tista' qatt tisfa fqira |
| KOR | Bomba |
| DORA | Par għajnejn jittawlulek |
| KOR | Bomba |
| DORA | Par xofftejn jitbisssmulek |
| KOR | Bomba |
| DORA | Par idejn imellsulek |
| KOR | Bomba |
| DORA | Iva tħossok se tisplodi |
| | Tassew, tassew, tassew, tassew! |
| | |
| KOR | Jekk fid-dinja hawn xi ħaġa li titilfek |
| | Li taf tmellsek u tigirfek |
| | Hi l-imhabba shuna, |
| | Xi kultant miġnuna, |
| | Iddawrek rasek 'l isfel |
| | U taqtagħlek nifsek. |
| | Xħin tħoss li qed jitrabba |
| | Il-ġenn kollu ta' l-imħabba. |
| | |
| DORA | Isma' sewwa dal-parir: |
| | Jien naf x'tagħti l-ħajja tagħna |
| KOR | Għax anzjana! |
| | W ilek magħna! |
| DORA | Rajt l-imħabba kif tinbena |
| KOR | Tul dawn l-aħħar |
| | Ħamsin sena! |
| DORA | Aħtaf sew kull okkażjoni |
| KV | Eċċezzjoni! |
| | |
| DORA | Għax l-imħabba taf taħrablek |
| KOR | U ż-żmien dejjem, |
| | Jiġri qablek. |
| | |
| DORA | Boooooooomba |
| KOR | Ilma |
| DORA | Xarrbuli wiċċi b'naqr'ilma |
| KOR | Ilma |

| | |
|---|---|
| DORA | Fl-istonki għandi salt friefet |
| KOR | Friefet |
| DORA | Fl-istonku għandi salt friefet |
| KOR | Friefet |
| DORA | Għandi l-friefet qed jittajru |
| | W daqt jisplodu f'bomba |
| KOR | Bomba |
| DORA | Xarrbuli wiċċi b'naqr'ilma |
| KOR | Ilma |
| DORA | Fl-istonki għandi salt friefet |
| KOR | Friefet |
| DORA | Fl-istonku għandi salt friefet |
| KOR | Friefet |
| DORA | Par għajnejn jittawlulek |
| KOR | Bomba |
| DORA | Par xofftejn jitbisssmulek |
| KOR | Bomba |
| DORA | Par idejn imellsulek |
| KOR | Bomba |
| DORA | Par idejn imellsulek |
| KOR | Bomba |
| | Bomba |
| | Bomba |
| | Bomba... eċċ |
| KOR | Bomba tassew! |

LYRICS DON'T MATCH

---

| | |
|---|---|
| MAIDE M'ANNE | Tinsiex tagħtih dik l-ittra. |
| DORA | La ma ninsiex. Isma', wara kollox... naħseb li hu ġa jaf x'fiha! |
| MAIDE M'ANNE | Dażgur li jaf. |
| DORA | Qegħdin sewwa intom it-tnejn. U dan ngħid jien kif m'għandkomx *mobile*? Illum kulħadd xtara wieħed. Oħti għandha sebat itfal u kulħadd bil- *mobile*. Biex issejħilhom għall-ikel tibgħatilhom SMS mill-kċina għall-kamra tagħhom. Tgħidx kemm hu komdu. |

| | |
|---|---|
| MAIDE M’ANNE | Se jkolli nħallik. Isma’... meta tkun għaddejja mill-foresta oqgħod attenta mid-Dragun. Taf hux li ħarab id-Dragun? |
| DORA | Iva... smajt fuq l-RTK. Imma tħabbilx rasek. Dawk *(l-udjenza)* se jgħinuni. Hux tassew ħi? Ara, jekk tarawh, ibdew għajtu DRAGUN DRAGUN.<br>Ħa nara kif se tgħajtu... |

SC 3A

***Udejnza tgħajjat.***

| | |
|---|---|
| MAIDE M’ANNE | Mela ċaw. |
| DORA | Ċiri-baj. *(tmur fuq is-Sefturi)* Isma’... intom żgur ma’ smajtu xejn hux? |
| SEFTURI | Dwar xiex? |
| DORA | Dwar li Robin Hood u Maide M’Anne jinħabbu. |
| SEFTURI | Leeeee! |
| DORA | Bravi! |

***SEFTURI u MAIDE M’ANNE jitilqu.***

| | |
|---|---|
| DORA | Mela tinsewx kif għandkom tagħjtu jekk taraw lid-Dragun eh. U ibqgħu hemm f’postkom għax il-kbir.... isa kif għedna... IL-KBIR GĦADU GEJ! |

3A SE DRAGUN

***Dora tidħol.***
***JOĦROĠ id-DRAGUN... udejnza tgħajjat.***

| | |
|---|---|
| DORA | Issa ma nesaġerawx eh. Ghajtu biss meta tarawh. |

LC3

***Joħroġ il-PREŻENTATUR u jimbuttaha.***

| | |
|---|---|
| PREŻENTATUR | Inti se twarrab min-nofs jew? Ma tafx li rrid nibdel ix-xena? |
| DORA | Ajma kemm inti bla grazzja. Mela issa liema xena jmiss? |

PREŻENTATUR Ix-xena tal-foresta.

DORA Tal-foresta? Mela lanqas ħaqq noqgħod nimxiha s'hemmhekk. Nibqa' hawn u nistenna l-muntanja tiġi għandi.

PREŻENTATUR *(lill-Backstage)* Ħaffu.... purtiera!

***DAWL BAXX (Dora titlaq on Blackout)***
***Tinżel il-purtiera s-sewda u joħorġu s-siġar (Sett-B)***

---

# *Xena 3A*

***Sett-B: IL-FORESTA:***
***HALF STAGE b' formazzjoni ta' siġar)***

***Jidħlu PIFF u PAFF.***

PIFF Ah mela din hija l-foresta

PAFF Lejn [illegible], Robin Hood u sħa[illegible]UPIFF

PAFF Il-*Merrymen,*

PIFF Il-*Fuori Legge!*

PAFF Inti x'taħseb dwarha?

PIFF Għidli x'taħseb int, l-ewwel.

PAFF Le int.

PIFF Stenna ftit. *(tiġbed lil PAFF fil-ġenb u jitkellmu f'widnejn xulxin)*

PIFF Konna qed nghidu li ghadna

PAFF lanqas biss introduċejna ruħna.

sc 4

PIFF		Din hija PAFF

PAFF		U dan huwa PIFF

Flimkien		Żewġ *Health and Safety Officers* first class! *(lil xulxin)* Prosit. *(jieħdu id b'id).*

sc 4 Health & Safety

## *Hey Baby*

PIFF/PAFF		Hey... Health and Safety
KOR		Quu ... Qaa
PIFF/PAFF		Dejjem niċċekkjaw
		Li l-inkwiet OK.

PIFF/PAFF		Hey... Health and Safety
KOR		Quu ... Qaa
PIFF/PAFF		Xi periklu kbir
		Dejjem nivvintaw!

PAFF		Spiss nidilku ftit il-madum
		Bid-detergent jew bis-sapun,
PIFF		Imbagħad arana kemm nixxalaw
		Nilmħu t-tfal kollha
		Fl-art jiżolqu!

KOR		Hey... Health and Safety
PIFF/PAFF		Quu ... Qaa
KOR		Dejjem niċċekkjaw
		Li l-inkwiet OK.

PIFF		Nikxfu s-*switches* li hemm f'kull blokk,
		Biex kif tmisshom iddabbar xokk,
PAFF		Fil-labs immoru u nifthu l-gass,
		Dlonk b'sulfarina
		Nagħmlu festa!

| | |
|---|---|
| KOR | Hey... Health and Safety |
| PIFF/PAFF | Quu ... Qaa |
| KOR | Xi periklu kbir,<br>Dejjem nivvintaw! |
| PAFF | Malli nsibu murtal tal-ftuħ,<br>Hawn ġos-sala se nisploduh. |
| PIFF | Kaxxa nfernali u beraq pront,<br>Għal waqt l-Assembly<br>Se nerfgħuhom! |
| KOR | Hey... Health and Safety |
| PIFF/PAFF | Quu ... Qaa |
| KOR | Dejjem niċċekkjaw<br>Li l-inkwiet OK |
| PIFF/PAFF | Hey... Health and Safety |
| KOR | Quu ... Qaa |
| PIFF/PAFF | Xi periklu kbir<br>Dejjem nivvintaw. |
| KOR | Hey... Health and Safety |
| PIFF/PAFF | Quu ... Qaa |
| KOR | Dejjem niċċekkjaw<br>Li l-inkwiet OK! |

====================

| | |
|---|---|
| PIFF | Allura issa li d-Dragun ħarab |
| PAFF | u qiegħed jiġġerra fejn ifettillu, |
| PIFF | din il-foresta tinsab |
| PAFF | fil-periklu. |
| PIFF | *(out of character)* Heqq għax wara kollox dawn is-siġar ta' l-injam. |

PAFF (*out of character*) Is-sigar mhux dejjem ta' l-injam ikunu!?

PIFF (*out of character*) Imma dawn tripaj u karti.

PAFF (*out of character*) Prosit. Mela jaqbdu aktar!

PIFF (*back into character*) Tajjeb. Hekk irriduhom aħna:

PAFF Kollox perikoluż

PIFF biex ma' l-iċken xrara

PAFF PUFF... jivvampja!

PIFF Hawn ara, jien għandi *lighter*. Tridx naraw jekk jaqbdux malajr?

***Jidħku daħka kattiva u jersqu bil-lighter lejn waħda mis-siġar. Jitfaċċa l-PREŻENTATUR***

PREŻENTATUR Oj. Dan x'inhu ġej?!

PAFF Ah... il-famuż Preżentatur.

PIFF Jiena PIFF

PAFF U jiena PAFF

PREŻENTATUR Naf naf... rajt isimkom fil-programm. Hemm x'intom tagħmlu b'dik il-*lighter* f'idejkom?

PIFF Konna se nara ftit

PAFF jekk is-siġar jaqbdux.

PREŻENTATUR Mela tridu taħarqu l-palk kollu!!!!

PIFF Daqskemm ilna nagħmlu *Evacuation Drills*. Issa hemm bżonn ngħaddu għal *The Real Thing*.

PAFF Lanqas ħaqq kemm intefqu flus f'tabelli mal-blocks kollha.

PIFF Ikun dnub jekk qatt ma jintużaw.

PREŻENTATUR Barra... barra. Fittxu itilqu lil hemm. Barra.

PIFF u PAFF *(mifxulin u mbeżżgħin)* Kollox sew... kollox sew... skużana..

***Jitilqu.***

PREŻENTATUR Barra! U ara ma nerġax narakom fuq il-palk tiegħi. *(lill-udjenza)* Rajtuhom kemm beżgħu? Dak hu l-qofol tal-palk: dixxiplina! *(lill-Backstage)* Ejjew ħa nkomplu. Xi jmiss?

***Jidħol 'il ġewwa.***

---

## *Xena 3B*

***Sett bħal qabel: Sett-B...IL-FORESTA.. HALF STAGE***

***Tidħol Dora***

DORA Robin.... Robin... fejn inti?

***Tpespis ta' għasfur.***
***Minn wara siġra jitfaċċa pitirross kbir.***

DORA U mhux ilek qed ngħid... Robin... jiġifieri Robin Hood! Isma' ħa nistaqsi ftit lilkom. Fit-trab tal-mogħdija rajt marki ta' passi kbar daqshekk ara... tlitt idwiefer kbar u wieħed żgħir. Tgħid dawk ta' min huma? Tgħid ta' xi gamiema? X'inhu! Tad-Dragun! Imma intom ċerti li tad-Dragun! Mhux ta' xi gremxula hux, jew xaħmet l-art?

***Jitfaċċa d-DRAGUN minn warajha. Udjenza tgħajjat!***

DORA Kollox sew noqgħod fuq kliemkom mela. Passi tad-Dragun.

SOUND

4C SET.5

***DRAGUN u Dora iduru f'salt u jiġu wiċċ imb'wiċċ. It-tnejn jeħdu qatagħa minn xulxin. Id-Dragun jaħrab waqt li Dora tinfexx tgħajjat:***

DORA — Ajma sewwa għidilkom jien li l-KBIR.... (għadu ġej). X'waħda din xi kruha ta' Dragun dak. Robin! Robin!

***Tpespis u jerġa' jitfaċċa l-pitirross.***

DORA — U mhux lilek! *(tkeċċih).*

---

# Xena 3C

***Sett bħal qabel: Sett-B ... IL-FORESTA... HALF STAGE***

***Jasal ROBIN HOOD mal-MERRYMEN***

ROBIN HOOD — X'ġara, dan l-għajat kollu?

FRA TAKK — Irreżenja Prince John?

DORA — Rajt id-Dragun!

***MERRYMEN iwerżqu jkun se jaħarbu.***

ROBIN HOOD — Ejjew 'l hawn ja qatta' ġwejjef. Tibżgħu minn daqsxejn ta' Dragun?

***ROBIN HOOD ireġġagħhom lura.***

ĠIGĠIFOGU — Dak jiekol lin-nies.

BOMBA — Jagħmilna BBQ.

CHARDONNAY — Jista' jaħarqilna l-foresta kollha.

DREAMLAND — Imbagħad jien ma jkollix fejn norqod.

ŻMAGAT — Nipprotestaw.

SC 5

FRA Nirreżenjaw.

HOMBRE Nirtiraw.

DORA Isktu... għax se niknes il-palk bikom. *(lil RH)* Int żommilhom daqsxejn tad-dixxiplina tafx, lil dan-nies tiegħek... qisek rieqed. *(lill-Merrymen)* Isaw... sellmulhom lil dawk.

ĠIGĠIFOGU Lil min?

DORA Lil dawk t'hemm isfel.... ajma kemm iddumu ma' tifhmu. *(lil-udjenza)* Hawn ara, dan hija Robin Hood. Sellmilhom. Ejja introduċi lil sħabek.

ROBIN HOOD OK... dawn sħabi. Il-Merrymen.

MERRYMEN *(Jagħmlu ċirku u jgħajtu SPORTS SHOUT)*

DORA Mux hekk... imma kemm bqajt selvaġġ. Introduċiehom wieħed wieħed!

— B. MUSIC —

SC 5 intro Music on 30/40

KANZUNETTA - 4

*(Bare Necessities)*

ROBa' merrymen

Li ngħixu ħajja lkoll tal-ġenn,
Għax fil-foresta ma jdejjaqna ħadd....
U aħna.... żviluppajna don
Kif nidħku daħka bi Prince John;
U s'issu għadu ma qabadna ħadd!

Dal-ħabib tagħna – tassew makakk
Idur biċ-ċoqqa... Ekku: FRA TAKK;
U dan ukoll daqsxejn spissjat
Għalhekk ngħidulu l-IŻMAGAT;
U dan ngħidulu CHARDONNAY
L-inbid... ma jaqta' xej'

F'sakra tal-ġenn....
W għalhekk jgħidulna illi aħna l-merry men
Il-merry men.

KOR
Dawn huma... s-seba' merrymen
Li ngħixu ħajja lkoll tal-ġenn,
Għax fil-foresta ma jdejjaqna ħadd....
U aħna.... żviluppajna don
Kif nidħku daħka bi Prince John;
U s'issu għadu ma qabadna ħadd!

ROBIN
Dan huwa DREALMLAND – moħħu fl-irqad,
Dan ĠIGĠIFOGU, kollu bluhat,
U dan HOMBRE jibża' mix-xogħol
Għax il-bużnannu kien Spanjol;
U dan hu BOMBA, fih daqsiex
Bħalu, ma rajniex
Saħħtu tal-ġenn....
W għalhekk jgħidulna illi aħna l-merry men
Il-merry men.

KOR:
U nafu, kif lil Prince nonsbuh
Fin-nassa dejjem indaħħluh;
U bih tassew qed ngħaddu siegħa żmien,
Hu jaħseb illi hu makakk;
Imm' għandu moħħu tassew fjakk;
Għax qatt ma jirnexxilu jsibna mkien.
Ma jsibna mkien.

ROBIN HOOD
Dawn huma... s-seba' merrymen
Li ngħixu ħajja lkoll tal-ġenn,
Għax fil-foresta ma jdejjaqna ħadd....
U aħna.... żviluppajna don
Kif nidħku daħka bi Prince John;
U s'issu għadu ma qabadna ħadd!

KOR
U s'issu għadu ma qabadna ħadd!

## *Xena 3D*

***Sett D bħal qabel. Sett B. IL-FORESTA U*** ROBIN HOOD

| | |
|---|---|
| DORA | X'ittra hi? |
| ROBIN HOOD | L-ittra ta' Maide Marianne. |
| DORA | Ħa nara... *(tfittex ġo ħobbha)* Hawn kienet żgur. Nispera ma waqgħetlix mat-triq. Ok hawn hi. Ħa. |
| ROBIN HOOD | *(joħodha f'idu b'imħabba u jxommha)* Ah... riħa ħelwa ta' ġiżimin u stefanotis. |
| DORA | Dak qed ixxomm l-*after shave* tiegħi. |
| | ***Merrymen iduru miegħu.*** |
| FRA TAKK | Aqrahielna. |
| DORA | Ma tistħix Fra... int ukoll. Dawk mhux ħwejjeġ għal widnejk. |
| BOMBA | U ejja! Reġgħet qaltlek li tħobbok? |
| DREAMLAND | Bagħtitlek żewġ bewsiet? |
| DORA | *(lil RH)* Isma' dan intom kemm se ddumu tinnamraw bl-ittri? Hemm bżonn li trabbu ftit tal-kuraġġ u tiltaqgħu wiċċ imb'wiċċ. Lanqas ħaqq kemm siġar qed jinqerdu minħabba l-karti li tużaw. |
| ROBIN HOOD | Imma jien x'nista' nagħmel? Prince John dejjem għassa tagħha. |
| ĠIGĠIFOGU | Immorru nisirquha bil-lejl u nġibuha hawn, bħal ta' l-Għarusa tal-Mosta. |

ROBIN HOOD — Imma aħna m'aħniex Furbani!

BOMBA — Nattakkaw il-palazz.

HOMBRE — *(lil ROBIN HOOD)* Jew inti ilbes ta' mara u idħol fil-palazz baxx baxx.

S.C. 5A + 6

DORA — Mhux hekk, mhux hekk. Ara issa nerġa' mmur ġirja sal-palazz u nkellimha ftit. Xi ħaġa jirnexxili nfassal żgur. Nara kif nikkonvinċiha taħrab ħarba s'hawnhekk.

CHARDONNAY — Aħna nafu għalfejn inti tieħu gost ġejja w sejra l-palazz. Biex tiltaq' max-Xerif.

L.C.4

***Ilkoll jidħku.***

DORA — Xi tridu tgħidu biha din? *(mifxula)* Ix-Xerif bniedem... hmmm..... ta' l-affari tiegħi ħafna u .... lili jirrispettani ħafna.

ĠIGĠIFOGU — Aħna smajna li tlift għaqlek warajh.

ŻMAGAT — Li sirt qisek id-dell tiegħu.

FRA TAKK — U fuq kollox... ix-Xerif ma jridx jaf bik.

***Aktarx daħk u żufjett.***

DORA — Mhux tassew. Dak iż-Żiguż... hmmm... ix-Xerif iġibni ħafna għax jaf x'mara jiena. *(lil ħuħa)* Int żommilhom ftit tad-dixxiplina lil dawk. M'għandek l-ebda kontroll fuqhom.

5A

ROBIN HOOD — Isktu. Ma tarawx li l-għażiża oħti qatt mhi se tasal biex titlef rasha wara bniedem viljakk u kiefer bħal dak!

S.E. + Z. DRAGUN whole effect

DORA — Xi drabi niddubita jekk int hux tassew ħija! Ħallejtkom jien.

***Titlaq irrabjata. Terġa' titfaċċa kemmxejn.***

DORA — X'waħda din... id-Dragun! *(tidħol lura)*

SC6 → LC4 →

***L-oħrajn kollha jwerżqu u jaħarbu. ROBIN HOOD jitlaq warajhom jipprova jwaqqafhom.***
***DRAGUN jaqsam min-naħa għall-oħra tax-xena.***

SC 6 backgr music

BACK ROUND MUSIC

## ~~Xena 4A~~

Quddiem MAIN Funtana

LC 4

***SETT-C: Il-Bitħa tal-Palazz ... FULL STAGE .... Funtana bil-vaska fuq il-platforms (xellug). Taraġ naħa tal-lemin. Weraq imdendel mal-wing tax-xellug u statwa ma' tal-lemin.***

***XERIF u FORĊINA jitkellmu fuq il-platform ħdejn il-funtana.***

FORĊINA — Jien kullimkien fittixtu. Anki taħt is-sodod. Bdejt ngħidlu: "Dragun! Dragunellu! Ejja ... fejn hu dak il-pizu-pizu!"

XERIF — U taħseb int li Dragun bħal dak se jistaħba taħt is-sodod!!

FORĊINA — Eh... propju għalhekk għandu mnejn imur jistaħba hemmhekk, għax jaf li aħna qatt ma taqgħalna f'rasna li Dragun jistaħbna taħt sodda.

XERIF — Il-ġenn ta' moħħok m'għandux limitu. U fejn fittixtu aktar?

FORĊINA — Fil-gaġġa tiegħu.

XERIF — Fil-gaġġa tiegħu??? Jekk taf ħarab minnha kif mort fittixtu hemm?

FORĊINA — Għidt forsi jkun *homesick* u jiġi lura!

XERIF — Int tassew bla ras. Ġa qalilna Prince John li jekk ma nsibuhx jibgħatna għal taħt il-giljottina.

FORĊINA — U tispiċċa anki inti bla ras!

XERIF — B'xi mod irridu nuruh li għamilna ftit tal-progress fuq dan il-każ.

FORĊINA Jien taf x'naħseb. Jekk insibulu d-Dragun, Prince John jixħitna fil-gaġġa tiegħu biex jikolna. U jekk ma nsibuhx għal taħt il-giljottina. Jiġifieri mewt ċerta hemm għalina. Mit-tnejn jiena nippreferi l-giljottina għax ta' lanqas nitlef rasi biss. Taħt snien id-Dragun nitlef ġismi kollu.

XERIF Mur 'l hemm.... itlaq... sparixxi....

FORĊINA Issa x'se tgħidli lil Prince John?

XERIF Issa nivvintalu xi ħaġa jien. Sparixxi għax inħossok ġennintni.

FORĊINA Kollox sew. Ħalli rasek fejn issibha... sakemm għadha għandek!

***FORĊINA jitlaq. Jidħol PRINCE JOHN.***

---

MAIN ~~MIDDLE~~ CURTAIN OPENS

## *Xena 4B*

***Sett bħal qabel: SETT-C (Full Stage) Il-Bitħa tal-Palazz***

PRINCE Hawn int. Deherli li smajt leħnek.

XERIF Eċċellenza illustrissima. *(isellem b'mod esaġeat).*

PRINCE Ħallik mix-xema' u s-sapun. X'għamilt dwar id-Dragun?

XERIF *(mifxul)* Dwar id-Dragun?

PRINCE Eh.. dwar id-Dragun. D-R-A-G-U-N !

XERIF Id-Dragun li ħarab!?

PRINCE Eh, id-Dragun li xi ħadd ħallielu l-bieb tal-gaġġa miftuħa u ħarab. Għal dak id-Dragun qed ngħid. Ma jidhirlix li hawn aktar Draguni fil-pajjiż.

XERIF *(tiġih idea)* Ehhhh .... dwar dak id-Dragun. Mela x'inhu! Irnexxieli nikxef biċċa informazzjoni impezzabbli.

PRINCE Dan x'kien? Għidli, għidli ħa nara biex int ħiereġ.

XERIF Eċċellenza, sirt naf.... sirt naf... li d-Dragun propjament mhux ħarab imma... imma.... seraqhulek Robin Hood. Qiegħed iżommu fil-moħba tiegħu fil-foresta, biex... biex.... jittrenjah u jkesksu kontrik imbagħad jattakkak bih.

PRINCE Eh... intressanti din. Imma m'inix nemmnek.

XERIF Għaliex Sire?

PRINCE Ara ma nkunx naf li din xi qlajja' tiegħek!!

XERIF Le, Sire... tgħidx kemm ili nitkixxef u nistaqsi. Jien u Forċina ilna nofs ta' nhar nitħabtu.

---

## *Xena 4C*

***Sett bħal qabel: SETT-C (Full Stage) Il-Bitħa tal-Palazz***

***Jidħol FORĊINA.***
***Joqogħdu b'tali mod li PRINCE JOHN ikun fin-nofs iħares lejn FORĊINA, dahru lejn ix-XERIF.***

PRINCE — Hawn hu ara. Ersaq 'l hawn Forċina. Għidli ftit: xi tkixxiftu dalgħodu inti u x-Xerif. Min seraqhuli d-Dragun?

FORĊINA — Mela nstab u serquhulek? *(Xerif jagħmillu sinjal ta' IVA).* Iva... dażgur... serquhulek! Mela x'inhu!

PRINCE — U għal li jista' jkun, sibtu min seraqhuli?

FORĊINA — Le... għadna qed nitkixxfu *(Xerif jerġa' jagħmillu sinjal ta' IVA).* Eh... iva, iva dażgur li sibna. Mela aħna mhux kollox jirnexxilna nsibu!

PRINCE — U allura m'intix se tgħidli min azzarda jisraqhuli?

FORĊINA — Hmmm.... eh... aħna għidna li għal issa aħjar ma ngħidulek xejn, għax ma rridux ninkwetawk.

PRINCE — Se tgħidli min seraqhuli?

***Xerif jagħmillu mima ta' xi ħadd qed jispara bil-vleġġa.***

FORĊINA — Hmmm ehh... għax laqtuh bi vleġġa.

PRINCE — X'inhu!!

FORĊINA — Le le... ridt ngħid... *(Xerif jagħmillu mima ta' xi ħadd liebes kappell bil-ponta)* libbsuh kappell ġo rasu.

PRINCE — Qabel sparawlu bi vleġġa? X'inti tħawwad ja mbeċilli? Taf jew ma tafx min seraqhuli???

FORĊINA — Dażgur li naf imma qed nibża' ngħidlek. *(Xerif jagħmillu mima ta' dawn l-affarijiet kollha li se jsemmi Forċina).*

Seraqhulek għasfur... għasfur... bufula... ħamiema... kuċċarda... amorin... *(Xerif joħroġ biċċa ħamra mill-but u jqegħedha fuq sidru)* PITIRROSS... *(Xerid joħroġ bandiera Ingliża u jibda jxejjirha)* ... pitirross iżomm mal-Manchister United.... pitirross Ingliż.... pitirross bl-Ingliż... ROBIN ... ROBIN HOOD!

***Xerif jieħu r-ruħ!***

XERIF — *(lil Prince)* Qed tara kif sewwa għidtlek.

PRINCE — Jekk hu tassew li dak is-sifja ta' Robin Hood kellu x'jaqsam f'dil-biċċa ħażin għalih. Hemm bżonn naqbdu taħt idejja. Ilum qabel għada. Bil-fors li n-nies tal-belt jafu fejn hi l-moħba tiegħu. Tajjeb noffri rigal...

XERIF — Għal min jaqbad id-Dragun?

PRINCE — Għal min jaqbad lil Robin Hood. Ifhmuni sewwa. Irridkom tistampaw *posters* b'ritratt tiegħu, twaħħluhom mal-belt kollha u tiktbu fuqhom li hemm rigal ta' ħames mitt biċċa tad-deheb għal min jagħtini lil Robin Hood taħt idejja. Fhimtuni?

FORĊINA — Imma aħna m'għandniex rittratt ta' Robin Hood.

ROBIN HOOD — Pinġu wieħed.

XERIF — U lanqas qatt rajnieh.

PRINCE — Affarikom. Jekk il-*posters* ma jkunux lesti s'għada.... għal taħt il-giljottina!

***JITLAQ***

---

## *Xena 4D*

***Sett bħal qabel: SETT-C (Full Stage) Il-Bitħa tal-Palazz***

*Tidħol Dora (kostum nru.2)*

DORA — Issa nispera ma jkollix noqgħod indur il-palazz kollu biex insibha. *(tintebaħ bix-XERIF)* Ara x'kumbinazzjoni! Kif inti għażiż... hmmm... Onorevoli Xerif?

***XERIF ma jagħtix kasha imma FORĊINA jersaq jiġri lejha eċitat u mqanqal.***

FORĊINA — L-għodwa t-tajba Sinjorina Dora Buttons. Kemm inti liebsa eleganti llum.

DORA — *(bil-herra)* Kif "illum"? Jiġifieri soltu ma nkunx??

FORĊINA — Ridt ngħid illum <u>aktar</u> mis-soltu.

DORA — *(lix-XERIF bi fsied)* U xi jgħidilna l-Onorevoli dal-għodu? Jidher donnu mħasseb.

XERIF — *(bil-herra)* Jien dejjem imħasseb. Għandi piż kbir fuq spallejja.

DORA — Jaħasra kieku jkollok xi ħadd li jtajjarlek ftit moħħok minn dawn il-ħafna ħsibijiet.

FORĊINA — *(lil Dora... bil-ħlewwa)* Inti trid min itajjarlek moħħok mill-ħsibijiet???

DORA — Jien m'għandix ħsibijiet żejda. Il-ħsibijiet tiegħi huma kollha mmirati lejn persuni distinti, awtorevoli u onorevoli....

XERIF — *(lil FORĊINA – aside )* Inti se teħlisni minnha lil din?

FORĊINA — *(aside lix-XERIF)* Bil-qalb kollha. Sinjorina Dora, titħajjar nagħmlu passiġġata flimkien int u jiena.

DORA — U għalfejn għandna nagħmlu passiġġata int u jien?

| | |
|---|---|
| FORĊINA | Noqgħod indawrek il-ġonna tal-palazz. |
| DORA | Għalfejn? |
| FORĊINA | Immorru naraw is-siġar tal-palm. |
| DORA | Dawk naf narahom b'għajnejja u jekk ikolli min idawwarni ħafna nistordi. Forsi l-Onorevoli Xerif jixtieq jurini ftit xi partijiet sigrieti tal-ġonna... fejn ma tantx jersqu nies. |
| XERIF | Sinjura... |
| DORA | Sinjorina.... |
| XERIF | Nista' nkun naf x'ġejt tagħmel lil hawn? |
| DORA | *(rassenjata)* Ġejt infittex lil Maide Marianne. |
| XERIF | *(wiċċu jixgħel)* Lil Maide Ma' nserviha... għandek xi riposta għaliha... tridni nwasslilha xi messaġġ? |
| DORA | Li għandi ngħidilha huwa *top secret.* Minn fommi għal widnejha. |
| XERIF | Imma Maide Marianne lili tafdani m'għajnejha magħluqin... |
| FORĊINA | *(aside)* Hawn hu... beda jinħall ! |
| XERIF | Lili tgħidli s-sigrieti kollha ta' qalbha. |
| | ***Titfaċċa MAIDE M'ANNE*** |
| MAIDE M'ANNE | *(lil Dora)* Ara, mela erġajt ġejt? |
| XERIF | Sbejħa Maide Marianne... malli tfaċċajt inti l-bitħa tal-palazz imtliet bid-dija. |

SC 7 backgr. music

CURTAIN

FORĊINA — *(lil Dora)* Ħallihom waħdihom lil dawk... imxi mmorru nippassiġġaw in-naħa tas-siġar tal-palm?

DORA — Dan kif tak għas-siġra tal-palm? Mela ħlomt bil-presepju?

MAIDE M'ANNE — *(lil Dora minn taħt)* Għandek xi ittra oħra għalija?

DORA — Issa ħallik mill-ittri. Hija jrid jarak, *face to face* jew *cheek to cheek*... mill-aktar fis!

XERIF — X'intom issefsfu intom it-tnejn? *(lil MAIDE M'ANNE)* Nista' ngħinek xi ħaġa, ħanini?

DORA — *(lix-XERIF)* Għax ħa ngħidlek għażiż Żigu.. hmmm... għażiż Onorevoli. Hija u Maide Marianne jinħabbu.

MAIDE M'ANNE — Ixxx.. iskot....

XERIF — X'inhu? U min jaħbat dan l-infami ta' ħuk.

DORA — Kif ma tafx min hu hija? *(lill-udjenza)* Għidulu intom!

MAIDE M'ANNE — Issa għaxxaqna kollox!

XERIF — Robin Hood! Dak il-viljakk. Ma jistax ikun. *(lil FORĊINA)* Jekk naqbdu taħt idejja... taħt il-giljottina jispiċċa.

FORĊINA — Sibtuha komda l-giljottina qed ngħid.

DORA — *(lil MAIDE M'ANNE)* Allura x'se ngħidlu lil hija?

MAIDE M'ANNE — Ma nafx.... riskjuża ħafna.

FORĊINA — Inti ġejja miegħi ħdejn is-siġar tal-palm?

DORA — Ħaqq is-siġar tal-palm. Mur... forsi jaqgħu mqar tużżana *coconuts* fuq rasek.

MAIDE M'ANNE — Imxi fil-kamra tiegħi ħa nitkellmu bil-kwiet.

DORA *(lix-XERIF)* Saħħa għażiż Onoerevoli. Nittama li ma ndumux niltaqgħu.

FORĊINA Iva... hekk nittama jien ukoll.

LC 5

***Dora u MAIDE M'ANNE jitilqu.***

CURTAIN End act 1 35 MIN

---

Act 2

## *Xena 4E*

***Sett bħal qabel: SETT-C (Full Stage) Il-Bitħa tal-Palazz***

LC 6/5 CUE 18

***FORĊINA u XERIF waħidhom***

XERIF Qatt ma se nħallih jisraqli lil Maide Marianne. Qatt u qatt! Jeħtieġ naqbduh mill-aktar fis.

FORĊINA Mela jaqbel infittxu nagħmlu dawk il-posters.

XERIF Iva, mela x'inhu! Issa mnejn se jirnexxilna nġibu ritratt tiegħu? Aħna qatt ma rajnieh.

FORĊINA Stenna ftit Xerif. Aħna qatt ma rajnieh, imma dawk rawh.

XERIF Dawk min?

FORĊINA Dawk in-nies. L-udjenza. Nistaqsu lilhom.

XERIF Tassew? *(lill-udjenza)* Intom rajtuh lil Robin Hood?

FORĊINA Qed tara kif sewwa għidtlek. Inti ħalli fidejja.

***Iġib malajr l-Identity Kit.***

XERIF X'se tagħmel? Dak x'inhu?

FORĊINA B'dan nistgħu nibnu stampa ta' wiċċ Robin Hood skond ma jgħidulna dawk.

XERIF Ħa naraw x'inhu ġej.

FORĊINA (*lill-udejnza).* Kif kien wiċċ Robin Hood.... ovali, trianglu jew kwadru? Ovali. Prosit. Mela nistgħu nibdew b'xi ħaġa hekk. *(joħroġ ovali u jwaħħlu mal-board)*

XERIF Kif.... jiġifieri dak wiċċ Robin Hood?

FORĊINA Stenna ftit int. Għajnejh. Kemm kellu għajnejn? Tnejn? Ah.... interessanti din: kellu żewġ għajnejn!

XERIF *(ironikament)* Żgur?

FORĊINA Hekk qalu dawk. U fejn kienu għajnejh? Xi ħaġa hekk? Jew hekk aħjar? *(iwaħħal l-għajnejn 'l isfel, la ġenba.. eċċ)* Issa niġu għal imnieħru. Imnieħer wieħed biss kellu?

XERIF Isma' dawn x'mistoqsijiet huma? Mhux kulħadd imnieħer wieħed biss ikollu?

FORĊINA Eh... ma ngħaġġlux! Robin Hood huwa bniedem speċjali. Eroj! U għandu mnejn ikun differenti min-nies komuni. Mela imnieħer wieħed biss kellu? Tajjeb? U fejn kien qiegħed; fin-nofs? Prosit. Qed tara kemm għamilna progress. Kellu mustaċċi? Bħal dawn. Taħsbu li kbar wisq? Mela hekk? Lanqas? Allura xi ħaġa hekk? Prosit.

XERIF *(ironikament)* Staqsihom kellu rix u munqar!

FORĊINA Idea tajba. Kellu rix u munqar? *(lix-XERIF)* Qed jgħidu li ma kellux. Eh, bil-ħaqq.. il-kappell. Naħseb li kellu kappell. Iva? Prosit. Xi ħaġa hekk? Jew hekk? Jew dan. Lanqas. Mela x'kappell kellu. Tgħid da hi kollha.

XERIF Allura dak huwa Robin Hood?!

FORĊINA Hekk qalu dawk. Isma' għandha raġun titlef rasha warajh tafx, Maide Mariann, għax fih ħatfa!

XERIF Inti trid infarraklek rasek? Tajjeb, issa ħudlu ritratt u nfittxu nagħmlu l-posters.

FORĊINA At your Service, your honour.

***Jidħol iġib kamera kbira tar-ritratti li ġo fiha jkollha l-posters lesti.***

FORĊINA Super Poloroid-Instamatic. Mela, noħdulu ritratt. Nagħfsu dil-buttuna u ekku..... *(joħroġ il-posters).* Sħan u tajbin.

XERIF Prosit. Suldati. Sefturi.

***Jiġu s-Suldati u s-Sefturi***

---

# Xena 4F

***Sett bħal qabel: SETT-C (Full Stage) Il-Bitħa tal-Palazz***

SULDAT-1 Għall-ordni!

SEFTURA-1 X'inqala' Sur Xerif?

XERIF Hawn ħa.. morru qassmu dawn il-poster. Għidu lin-nies li hemm rigal ta' ħames mitt biċċa tad-deheb għal min jirnexxilu jaqbad lil Robin Hood.

***Jidħlu PIFF u PAFF***

PIFF Stennew ftit ma naraw ftit dik il-karta.

PAFF Din mhix riċiklata

PIFF u tagħmel ħsara lill-ambjent.

XERIF Allura?

PAFF Sewwa. Prosit. Hekk għandu jkun.

PIFF Anzi li kieku kienet tal-plastik aħjar.

SC 9

PAFF Plastik maħruq

PIFF li jixħet gassijiet velenużi

PAFF li jkomplu jkabbru u jwessgħu dik it-toqba

PIFF fis-saff ta' l-ożonu.

XERIF Intom se ddumu tgħidu ħmerijiet! *(lis-Suldati u Sefturi)* Morru qassmu l-posters. *(jgħajjat)* Ħames mitt biċċa tad-deheb għal ras Robin Hood.

***SULDATI u SEFTURI jinżlu fl-udjenza jqassmu l-posters***

205U lil Forċina... aside U issa jien u int naraw kif nagħmlu biex lil Robin Hood nippruvaw aħna.

FORĊINA Għalfejn?

XERIF Kif għalxejn? Għal ħames mitt biċċa tad-deheb. Naqsmuhom bejnietna.

FORĊINA Indaqs?

XERIF Imbagħad naraw!

MIDDLE CURTAIN CLOSES

***KANZUNETTA - 5***

SC 9 T3.

<u>*If I Were a Rich Man*</u>

XERIF 'Kk forsi naqbduh aħna.... *jaba-dibi-dabi-dibi...eċċ*
Nibdew ngħixu ħajja ta' xalar,
Bħala żewġ sinjuri kbar - YES!
'Kk forsi naqbduh aħna.... *jaba-dibi-dabi-dibi...eċċ*

FORĊINA Tgħidli qalbi t-tmiem ġa naf x'inhu:
Minflok naqbduh aħna... jaqbadn' hu!

XERIF Imbagħad Prince John kemm jibda jirrispettana

| | |
|---|---|
| | X'ħin jarana qalbenin... |
| FORĊINA | Jew meta jarana ma' zokk mgħallqin! |
| XERIF | Ma niskantax li jtina wkoll promozzjoni |
| | W jiena nilħaq Ġeneral, |
| FORĊINA | Jew joffri li jħallsilna l-funeral! |

| | |
|---|---|
| ~~KOR~~ | Nippassiġġaw mat-triqat kollha tal-Belt |
| | U n-nies x'ħin jarawna għaddejjin, |
| | Jibdew kollha jpespsu f'widnejn xulxin, |
| | U jgħidu: "Hemm arawhom l-eroj famużi |
| | Magħrufin min-nord sas-sud, |
| | Dawk li kienu qabdu 'l Robin Hood!" |

RIT. X2.

| | |
|---|---|
| XERIF | 'Kk forsi naqbduh aħna.... KOR: *jaba-dibi-dabi-dibi...eċċ* |
| | Il-ktieb ta' l-istorja, wara ftit, |
| | Ikollhom jiktbuh mill-ġdid - KOR: "YES!" |
| FORĊINA | 'Kk forsi naqbduh aħna.... KOR: *jaba-dibi-dabi-dibi...eċċ* |
| | Żgur l-aħbar mad-dinja kollha ttir |
| | Għax bilfors ikun miraklu kbir! |

BOTH SING – RIT

| | |
|---|---|
| XERIF | Imbagħad Maide Marianne tiġi hawn għarkobbtejha |
| | W tgħidli, sogħbiena mhux bi ftit: |
| | "Tini bewsa w ilqagħni f'dirgħajk mill-ġdid!" |
| | U jien naċċetta għax jien tassew qalbi tajba |
| | Naf inkun ħanin u mans.... |
| FORĊINA | Sieħeb, naħseb ma tantx għandek ċans! |

| | |
|---|---|
| FORĊINA | 'Kk forsi naqbduh aħna.... KOR: *jaba-dibi-dabi-dibi...eċċ* |
| | Ibqa' ċert li flus ma naraw qatt, |
| | Għaliex ma jemminna ħadd ~~KOR: "YES!"~~ |
| | 'Kk forsi naqbduh aħna.... KOR: *jaba-dibi-dabi-dibi...eċċ* |
| | Jekk nixħtuh fiċ-ċella mal-ħabsin |
| | Żgur li jaħarbilna ~~fi ħin~~, mn Kordin |
| | Bħalma jagħmlu ~~dawk ta' ġo Kordin~~... |
| | ~~W aħna nispiċċaw ħażin!~~ |

| | |
|---|---|
| KOR | ~~'Kk forsi naqbduh aħna.... *jaba-dibi-dabi-dibi...eċċ*~~ |

---

***Jidħol il-PREŻENTATUR***

PREŻENTATUR — Ejjew.... fittxu warrbuli.

FORĊINA — Mela x'ġara?

PREŻENTATUR — Kif "x'ġara"? Irrid nibdel ix-xena. Ilkom wisq taħlu ħin fil-ħmerijiet. *(jgħajjibhom:)* "'Kk forsi naqbduh aħna.... *jaba-dibi-dabi-dibi..."* Għandkom xi ċans!

XERIF — *(lil sħabu)* Dan x'inhu jgħid?

PREŻENTATUR — Naf x'jien ngħid. DORA qiegħda fi triqitha lejn il-Foresta u jekk minix se nibdel ix-xena, se tasal hemmhekk u ma ssib

FORĊINA — Le mhux sewwa miskina... ejjew... imxu nfittxu nidħlu 'l ġewwa.

PREŻENTATUR — Baxxu d-dwal. Purtiera! Siġar.

---

# *Xena 5A*

**Sett-D: FORESTA ....HALF STAGE....**
***Purtiera Sewda. Siġra kbira fuq ix-xellug u sellum tal-ħabel.***

***Tidħol Dora***

DORA — Ajma ... dit-triq mill-foresta sal-palazz qed ikolli nagħmilha mill-inqas sitt darbiet kuljum. Mhux ta' b'xejn għandi *figure* daqshekk pulita u sexy! Sewwa kont għidtilkom li l-kbir.... għadu ġej! Hemm fuq huwa l-post sigriet ta' ħija. Għandu kamra ġos-siġra. *(tħares 'l fuq u tgħajjat)*. Robin!

***Jitfaċċa l-Pitirross.***

DORA — U mhux lilek, kemm inti żatat. Għandu jkun ħarab minn ġo xi kartolina. Isma', għoġobkom xejn dak iż-Żigużajg ta' qalbi ? Hux kemm hu ħelu? U kif inhu mitluf warajja, jaħasra!

Naħseb li kieku ma kienx hemm dak in-nofs ras ta' Forċina żgur kien ifaqqagħli bewsa. Imqar bewsa waħda... ta' siegħa u nofs!! Imma ħej skond ma qaltli Maide Marianne ix-Xerif u ħija ma tantx jinġiebu. Naħseb kollu tort ta' dak l-iżmagat ta' Prince John. Hu qed ikesksu kontra ħija. ~~Imma tibżax, dak ...~~

***Titfaċċa Snowwajt***

---

# *Xena 5B*

***Sett bħal qabel: (Half Stage) -- Purtiera Sewda.***
***Siġra kbira fuq ix-xellug u sellum tal-ħabel.***

SNOWWAJT Skużani Sinjura.

DORA Sinjorina.

SNOWWAJT Ma tafx tgħidli fejn hi d-dar tan-nani hux?

DORA Id-dar tan-nani? Isam' inti min taħbat?

SNOWWAJT Kif "min naħbat"? Lili kulħadd jafni! Snowwajt. Qaluli li din hija l-foresta.

DORA Iva, imma l-foresta ta' Robin Hood u mhux il-foresta ta' Snowwajt.

SNOWWAJT X'għidt "Little Red Riding Hood"?

DORA ROBIN HOOD! Red Riding Hood hija l-kuġina min-naħa t'ommi.

SNOWWAJT Imma jien għandni bżonn insib id-dar tan-nani, għax daqt se jidlam.

9B
5.B
DORA Mur fittixha xi mkien ieħor, ruħi. Hawnhekk m'hawnx nani... anzi bil-maqlub... hawn kull raġel u mara daqsiex. Ħu minni!

SE.ROBIN
15

ROBIN

| | |
|---|---|
| SNOWWAJT | Dħaktu bija. Din suppost hija l-foresta ta' Snowwajt. |
| DORA | Isma' ħej issa se ttellifni sabri. Ħa nsejjaħ lil ħija ħa tara kif sewwa qed ngħid. ROBIN. |
| | ***Jerġa' jitfaċċa l-Pitirross u jidħol lura minnufih.*** |
| SNOWWAJT | Qed tara? Dak hu l-pitirross tal-foresta tiegħi. Sraqtuli l-foresta. |
| DORA | *(lill-pitirross)* Kemm se ndum ngħidlek li mhux għalik qed ngħid. Kixxi. |
| | ***Jidħol il-PREŻENTATUR.*** |
| PREŻENTATUR | X'ġara? Mid-dehra nqala' xi diżgwid. |
| SNOWWAJT | Xi ħadd seraqli l-foresta. |
| DORA | Ara Sur Preżentatur, fehemha ftit inti li aħna qed nippreżentaw l-istorja ta' Robin Hood u din hija l-foresta tiegħu. |
| SNOWWAJT | Imma dis-sena suppost għamilna l-panto tiegħi... ta' Snowwajt. |
| DORA | U mur 'l hemm, dik ġa għamilnieħa xi ħames snin ilu. |
| PREŻENTATUR | Hawn ara... *(iġib blow-up tal-programm)* Qed taħ il-programm! Robin Rood... Diċembru 2001. |
| SNOWWAJT | Dħaktu bija. U lilek *(lil Dora)* inkaxkrek minn xagħrek mal-palk kollu. |
| DORA | Isa pprova... biex flok Snow White inġibek Jet Black. |
| SNOWWAJT | Ja xiħa! |

DORA — Hiii... x'waħda kont se ngħidlek. Xiħ nannuk u dak l-imberfel ta' Prinċep li jbusek. Aħjar ma qajmek mill-mewt xejn. Ngħidlu jħallik hemm, stenduta.

PREŻENTATUR — Issa żżejjed ħej. *(lil SNOWWAJT)* Itlaq lil hemm int. Barra. Barra.

SNOWWAJT — Tibżax, imma dil-biċċa ma waqfitx hawn.

PREŻENTATUR — Barra!

***SNOWWAJT titlaq.***

DORA — Bravu l-Preżentatur. Agħtuh ċapċipa! Li kieku mhux għax qalbi kienet banda oħra kont nagħtik bewsa.

PREŻENTATUR — Grazzi. *(jagħmel inkin u jidħol)*

***Tidħol MAIDE M'ANNE***

---

# *Xena 5C*

***Sett bħal qabel: (Half Stage) -- Purtiera Sewda.***
***Siġra kbira fuq ix-xellug u sellum tal-ħabel.***

MAIDE M'ANNE — Irnexxieli naħarbilhom.

DORA — Prosit.

MAIDE M'ANNE — Hriġt mit-tieqa, iddendilt mal-friegħi tad-dielja, iżżerżaqt fuq is-saqaf tal-kċina, imxejt mal-ħajt tal-ġnien u ġejt fit-triq ta' wara.

DORA — Tajjeb mela mintix se tiddejjaq titla' ma' dak is-sellem.

MAIDE M'ANNE — Għaliex?

DORA — Għax ħija hemm fuq jgħix: fid-dar sigrieta tiegħu.

MAIDE M'ANNE — Xi ħlew... kemm qed inħossni eċċitata!

DORA — Nifhmek ruħi. Hekk jiġrili jen kull meta nara liż-Żigużajg ta' qalbi. Ejja tlaqna.

***BLACKOUT.***

---

LC 8+9

## *Xena 6A*

***Sett-E (FULL STAGE) - Tree House.***

***ROBIN HOOD u l-MERRYMEN***

ROBIN HOOD — *(iħares 'l isfel minn ħdejn is-sellum)* Min hemm?

DORA — *(vuċi biss)* Min trid jkun hemm. Jiena oħtok.

ROBIN HOOD — Kollox sew... ibqa' tielgħa.

DORA — U għandi 'l xi ħadd miegħi.... *(titfaċċa)*. Ajma, ma nafx meta se ddaħħal lift. Das-sellum tal-ħabel iqabbadni l-mejt.

***Titfaċċa wkoll MAIDE M'ANNE***

MAIDE M'ANNE — Wasalt jiena.

ROBIN HOOD — *(jiftaħ idejh beraħ)* Maide Marianne!

MAIDE M'ANNE — Robin Hood!

***Ikunu se jitgħannqu imma jidħol PREŻENTATUR***

PREŻENTATUR — Stennew ftit, għax dil-*play* irriduha tkun tajba għal kulħadd. Blackout!

VISUAL CUE → LC 8 ↓ 5 SEC. LC 9

***Ftit sekonda ta' BLACKOUT waqt li jinstama' ħafna bews. Malli jiġi d-dawl insibu lil ROBIN HOOD mgħannaq ma' Fra Takk.***

FRA TAKK — Iż-żift, kemm jien sfortunat!

PREŻENTATUR — OK, tistgħu tkomplu!

***PREŻENTATUR jidħol.***

ROBIN HOOD — żentalkom lill-maħbuba tiegħi, in-nobbli, sbejħa, grazzjuża, xintillanti, ġentili...

DORA — Issa ma nesaġerawx eh...

ROBIN HOOD — Maide Marianne!

FRA TAKK — Iktar ma jgħaddi żmien iktar nikkonferma li l-ħajja ta' Fra m'għadhiex tgħodd għalija.

ŻMAGAT — Għandi pjaċir Maide Marianne. Ħares, Robin Hood ħajtu dejjem fil-periklu u xi darba għad ilaqqatha. Imma meta jmutlek, tinkwieta xejn: hawn jien!

CHARDONNAY — *(imur fuq Dora)* Għandi pjaċir Maide Marianne... imma donnok għandek bżonn tagħmel nitfa dieta tafx.

DORA — Kont se ngħidlek x'għandi bżonn. Maide Marianne dik u mhux jien!

CHARDONNAY — Skużani. *(jersaq fuq MAIDE M'ANNE)* Iva, issa qed ninduna. Orrajt Maide Marianne ħi. Ngħabbu jew!

ĠIGĠIFOGU — Warrab min-nofs ja sakranazz. Ħares Maide Marianne... jekk xi ħadd jipprova mqar jagħtik l-iċken ħarsa żejda, ftakar dejjem li hawn JIEN.

MAIDE M'ANNE — Grazzi ta' l-interess.

BOMBA — U jien miegħu. Magħna ħadd ma jiċċajta.

HOMBRE — *(xi kelma bl-ispanjol)* Aħna l-qilla tal-foresta. Kulħadd jitwerwer minna.

SC10

DREALMAND Isma' l-aħwa, mhux aħjar immorru lkoll norqdu raqda.

ROBIN HOOD U x'raqda raqda. Din tal-lum hija okkażjoni speċjali. L-ewwel duża, xintillanti....

DORA Erġajna!

ROBIN HOOD .... u ġentili Maide Marianne ġiet fil-moħba tagħna; u nittamaw li lanqas mhix se tkun l-aħħar darba. CHARDONNAY... mur ġib inbid għal kulħadd.

CHARDONNAY Liema tridni nġib? Dak li l-ġimgħa l-oħra sraqna mingħand Prince John jew dak li partatna mal-basal.

ROBIN HOOD Milli fadal. Bik ma tantx jibqagħna fliexken żejda. Ejjew ħbieb. Illum ninsew kollox. Ninsew lil dak l-iżmagat ta' Prince John, ninsew dak il-kattiv ta' Xerif...

DORA Meta nisimgħu jgħid hekk inħoss stallett ġo qalbi...

ROBIN HOOD ... ninsew dak l-imberfel ta' Forċina. Ninsew kollox u nagħmlu FESTA! Illum hija l-għerusija tiegħi ma' Maide Marianne.

SC 10 (Il-Foresta)

T5.

## KANZUNETTA - 6

*(the Lion Sleeps Tonight)*

DORAde Marianne ġiet magħna llum!
KOR: Aweem away aweem......
Mank tista' xahar sħiħ iddum!

DORA
Fil-foresta,
Se nagħmlu festa;
U tkun mill-akbar nett
L-għerusija
Ta' l-għażiż ħija
Għax se jieħdu ċ-ċurkett

DORA/ROBIN
Dan, hu l-post tal-maħbubin,
KOR: Aweem away aweem......
Hawn, minn Prince John moħbijin!

ROBIN
'Kk tibqa' magħna
Ġo dal-post tagħna,
Żgur ma jkun jonqsok xejn;
Int għalina
Tkun bħal reġina!
Għal dejjem aħna t-tnejn.

DORA/ROBIN
Maide Marianne ġiet magħna llum!
KOR: Aweem away aweem......
Mank tista' xahar sħiħ iddum!

KOR:
Aweem away aweem......

DORA/ROBIN
Dan, hu l-post tal-maħbubin,
KOR: Aweem away aweem......
Hawn, minn Prince John moħbijin!

DORA
Kieku ħdejja
B'għajnejh f'għajnejja,

Ix-Xerif hawn jinsab;
Nagħti qadfa
U naħtfu ħatfa...
Tgħidx kemm intajjar trab!

DORA/ROBIN — Maide Marianne ġiet magħna llum!
KOR: Aweem away aweem......
Mank tista' xahar sħiħ iddum!

MAIDE M'ANNE — F'dil-foresta
Ħsibt l' hawn tempesta

'Mma flok il-bhejjem
Hawn sibt għal dejjem
Dal-ġuvni kuraġġjuż.

DORA/ROBIN — Dan, hu l-post tal-maħbubin,
KOR: Aweem away aweem......
Hawn, minn Prince John moħbijin!

DORA/ROBIN — Maide Marianne ġiet magħna llum!
KOR: Aweem away aweem......
Mank tista' xahar sħiħ iddum!
... ecc.....

ROBIN HOOD — *(jiġbed ftit lil Dora fil-ġenb)* Isma'... mhux għal xi ħaġa... hemm xi ċans li tħalluna ftit waħidna?

DORA — Għalfejn?

ROBIN HOOD — U ara għalfejn... ħeqq... jien u Maide Marianne nixtiequ jkollna ftit tal-privatezza.

DORA — *(għall-udejnza)* U dawk??

ROBIN HOOD — Dawk ma jimpurtax... xogħolhom hu li jaraw jkollox! Jien għalik u għal sħabi qed ngħid. Ara toħodhomx ftit xi mkien. Imqar għal... għal... tliet sigħat jew erbgħa!

| | |
|---|---|
| DORA | Fhimtek jien. *(lill-Merrymen)* Ħbieb... tridux ngħidilkom storja? |
| ĠIGĠIFOGU | Storja? Dil-play ta' Robin Hood mhux diġa storja hi? |
| BOMBA | Jien m'għandix aptit nisma' stejjer. |
| DORA | Mela noħodkom taraw is-siġar tal-palm! *(aside)* Din donnha smajtha xi mkien ieħor. |
| ŻMAGAT | F'dil-foresta m'hawnx siġar tal-palm. |
| CHARDONNAY | U lanqas kieku.... ma jinterssawniex. |
| DORA | Jew dawruni ftti mal-moħba tagħkom. Qatt ma rajtha sewwa. |
| DREAMLAND | Mhux suppost. Robin Hood dejjem jgħidilna biex inżommu kollox sigriet. |
| HOMBRE | U hemm ċerti passaġġi dojoq wisq u inti żgur ma' tgħaddix minnhom. |
| FRA TAKK | U perikolużi ħafna wkoll. |
| DORA | *(qabżitilha)* Mela noħodkom jien għand boxxla xjanten. Ejjew imxi 'l ġewwa ħaffu. |
| FRA TAKK | Fejn? |
| DORA | Fejn il-mniegħel ikun. Ħaffu. Barra, barra.... |
| | ***Kulħadd jitlaq 'l ġewwa. Wara ftit Dora titfaċċa mill-ġdid..*** |
| DORA | *(lil ROBIN HOOD)* Ara mhemmx ħmerijiet eh. *(lill-udjenza)* Sewwa kont għidilkom jiena li l-kbir.... għadu ġej! |
| | ***Titlaq.*** |

## *Xena 6B*

***Sett bħal qabel (Sett-E .UL STAGE – Tree House)***

SB.
LC
10

| | |
|---|---|
| ROBIN HOOD | Sa fl-aħħar għażiża tiegħi... ninsabu ftit waħidna. |
| MAIDE M'ANNE | Tafx li qed nibża'. |
| ROBIN HOOD | Tibża'!!! Minn xiex? Ma' tafx li jien eroj.. u meta tkun miegħi, ma jista' jiġrilek xejn. Isma'.... inti... tħobbni żgur? |
| MAIDE M'ANNE | Li kieku ma kontx inħobbok ma' kontx se nissogra noħroġ mit-tieqa, niddendel mal-friegħi tad-dielja, niżżerżaq fuq is-saqaf tal-kċina, nimxi mal-ħajt tal-ġnien u naqbeż għat-triq ta' wara. |
| ROBIN HOOD | Meta nisimgħek titkellem hekk, inħossni il-friefet ġo l-istonku! |
| MAIDE M'ANNE | U jien l-istonku jsirli farfett wieħed kbir! |

***MUŻIKA***
***UV u effett ta' friefet.***

## KANZUNETTA - 7

<u>*On This Night*</u>

| | |
|---|---|
| ROBIN | F'dan il-lejl mimli kwiekeb sbieħ,<br>Qed inħossni bil-ferħ se ntir,<br>U ġo qalbi hekk, minnufih,<br>Għandi bħal tferfir! |
| MAIDE M'ANNE | Żommni miegħek u titlaqnix,<br><br>Tmurx minn ħdejja, la tħallix,<br>Nibqa' ħdejk kull ħin. |
| KOR: | Qatt ma kont rajt fl-għajnejn<br>Il-kwiekeb jiddu it-tnejn<br>Kif jiddu ċari f'għajnejk;<br>Qatt ma kont naf li l-ward<br>Ta' din il-ġenna fl-art<br>Insibu meta nkun ħdejk.<br>Imm' issa li skoprejt<br>U f'din l-art ġdida ġejt<br>Ma rrid li nwarrab minn ħdanha qatt;<br>Hawn, bil-kbir<br>Kull ħolma sssir<br>Tassew! |
| ROBIN | F'dan il-lejl... |
| KOR | F'dan il-lejl... |
| ROBIN | F'dan il-lejl... mimli kwiekeb sbieħ....<br>Qed inħossni bil-ferħ se ntir,<br>U ġo qalbi hekk, minnufih, |
| KOR | Għandi bħal tferfir! |

---

***Waqt il-kanzunetta, il-PREŻENTATUR joħroġ bosta drabi jinterrompihom:***

LC10

ROBIN HOOD: Nista' nkun naf x'inti tagħmel?

PREŻENTATUR: *(b'sellum forċi f'idu)* Xejn, xejn, kemm nirranġalkom ftit id-dawl, għax l-atmosfera mhix romantika biżżejjed. Hekk aħjar. Komplu ...komplu...!

LC10

– LIGHT DIM 2/0r

---

PREŻENTATUR: *(joħroġ ma' xi tnejn tal-Backstage iġorru prop).*

ROBIN HOOD: Issa x'reġa' nqala'? Mintix tinduna li din hija xena intima u privata?

LC11

PREŻENTATUR: Għax dil-platform *(jew skond x'oġġett ikun)* suppost qiegħda n-naħa l-oħra. Tibżax.. tagħtux kasna. Komplu... komplu...!

---

PREŻENTATUR: *(joħroġ b'fallakka fuq spalltu, idur tond u jkun se jolqot biha lil ROBIN HOOD u MAIDE M'ANNE)*
Skużawni... imma hemm ġew tgħidx xi tgerfix hemm.

ROBIN HOOD: Issa żżejjed ! *(lil MAIDE M'ANNE):* Imxi mmorru nsibu xi mkien ieħor għall-kwiet.

PREŻENTATUR: Aħjar mela, għax irrid nibdel ix-xena. Oħtok ma tantx sejra tajjeb man-nies tiegħek u jaqbel nerġgħu lura għall-foresta.

ROBIN HOOD: Agħmel li trid. Imxi ħanini.

***ROBIN HOOD u MAIDE M'ANNE jitilqu.***

PREŻENTATUR: OK mela. Niżżlu l-purtiera. Ejja ħaffu ftit... qiskom reqdin. Siġar mill-ġdid.

LC11

---

# *Xena 7*

***Sett-F --- HALF STAGE (l-istess bħal Sett-D)***
***Purtiera sewda, siġra kbira u sellum tal-ħabel.***

***Jidħlu l-MERRYMEN***

| | |
|---|---|
| BOMBA | Ħrabnielha. |
| ĠIGĠIFOGU | M'hawnx għalik Fra, kemm ħsibtha tajjeb. |
| FRA | Eh... ħadd ma jinqala' daqsi biex jirrakkonta l-istejjer. |
| ŻMAGAT | Lanqas ilħaqt wasalt f'nofs l-istorja li ma raqditx. |
| HOMBRE | U kemm tonħor. |
| DREAMLAND | *(lill-Fra)* Tafx li anki kont se traqqad lili. |
| CHARDONNAY | Jien lili xejn ma jraqqadni ħlief flixkun inbid. |
| HOMBRE | Issa malli tistenbaħ, issib ruħha waħidha ħdejn ix-xmara. |
| ŻMAGAT | Forsi titqalleb u taqa' ġo l-ilma! |
| | ***Tidħol SNOWWAJT*** |
| SNOWWAJT | Kollu ta' xejn... għadni ma sibthiex. |
| ĠIGĠIFOGU | Xi ġralek sinjorina? |
| BOMBA | Min inti? |
| FRA | X'inti tfittex? |
| SNOWWAJT | Id-dar tan-nani. Iva kif ħadd mhu jagħrafni? Snowwajt jien. |
| DREAMLAND | Snowwajt? Imma din l-istorja ta' Robin Hood. |

| | |
|---|---|
| SNOWWAJT | Iva naf... imma dak żball. Din suppost li hija l-istorja ta' Snowwajt. *(tħares lejhom aktar bir-reqqa u tgħoddhom)* Stennew ftit. Wieħed, tnejn, tlieta, erbgħa, ħamsa, sitta, sebgħa! Preċiż! |
| ŻMAGAT | Xiex? |
| SNOWWAJT | Intom tistgħu tkunu s-seba' nani. |
| CHARDONNAY | Is-seba' nani?! Imma aħna sħab Robin Hood. |
| HOMBRE | Il-qalbiena Merrymen! |
| SNOWWAJT | Issa ħallikom mill-Merrymen. Tridu tiġu miegħi u tagħmlu l-parti tas-seba' nani? |
| BOMBA | Imma dan mhux sew? |
| DREAMLAND | Aħna fil-programm imniżżlin bħala l-Merrymen. |
| ĠIGĠIFOGU | Ħbieb.... ismigħu ftit lil hawn. *(imorru qaqoċċa ftit 'il bogħod minn Snowwajt)*. Taf x'qed ngħid? Wara kollox, aħna għalina nagħmlu l-parti tal-Merrymen u tan-nani mhux xorta? L-aqwa li qed nieħdu sehem fil-panto. |
| FRA | U barra minn hekk... il-parti tan-nani inqas perikoluża. |
| BOMBA | Tinsewx li hemm is-saħħara. |
| ĠIGĠIFOGU | Imma dik fl-aħħar dejjem tmut. Bħala nani l-ħin kollu niżfnu u ngħaddu ż-żmien. |
| CHARDONNAY | U nixorbu l-inbid. |
| HOMBRE | U nkantaw Hi-Ho! |
| ŻMAGAT | X'se nagħml mela? Naqilbu għal nani. |
| FLIMKIEN | Naqilbu għal nani! |

ĠIGĠIFOGU — Kollox sew, Snowwajt. Se niġu miegħek u nsiru nani.

SNOWWAJT — M'hawn għalikom. Mela issa addio Robin Hood... se nkomplu bl-istorja ta' Snowwajt.

MERRYMEN — Prosit. *(iduru ċirku u jagħmlu Sports Shout)*

***Jidħol il-PREŻENTATUR***

PREŻENTATUR — X'qed nisma' jien?! Hawn x'inhu jiġri? Dan każ ta' insubbordinazzjoni. Tradiment.

SNOWWAJT — Inti tindaħalx. Dawn issa ġejjin miegħi u se jsiru nani.

PREŻENTATUR — Ma jistax ikun. U intom ma jmisskomx tistħu? Ma fadlilkomx ftit *self esteem?* Mela fil-PSC ma jgħallmukom xejn? Minn eroj qalbiena ssiru seba' nani mberfla!!

BOMBA — Naħsbu għal rasna, *Man.* Ma' Robin Hood konna qed naħdmu mal-privat! Issa Snowwajt tilħaqt reġina u nkunu qed naħdmu mal-gvern!

SNOWWAJT — Tlaqna ħbieb!

***JITILQU***

PREŻENTATUR — Ma jistax ikun. Ejjew 'l hawn.
*(lil-udjenza... rasenjat)* Skużawni sinjuri, imma mid-dehra dil-panto se tisfaxxa fix-xejn. Qatt ma ġratilna biċċa bħal din Imma naf x'nagħmel. Nibdlilhom ix-xena u nneħħilhom il-foresta.

***Joħroġ id-DRAGUN.***

PREŻENTATUR — Issa inti x'ġejt tagħmel hawn? Stenna ftit. Ġietni idea oħra. Ara, ibqa' sejjer dritt lil hemm u għandek issib tfajla u seba' nani. Taħseb jirnexxilek tixwihom ftit? *Medium rare* eh... imma... mhux *well-done.* Kemm nagħtuhom tbeżbiża. Tajjeb? Mela x'idejk.

***DRAGUN JITLAQ. Toħroġ Dora imwerwra.***

| | |
|---|---|
| DORA | Ajma x'qatgħa għandi fuqi. Għajni marret bija, irqadt u bdejt noħlom. Ħassejt xi ħadd jilgħaqli wiċċi u fil-ħolma jaħasra ħsibtu kien iż-Żigużajg ta' qalbi. Imma malli ftaħt għajenjja sibt id-Dragun. |
| PREŻENTATUR | Iva... għadda minn hawn sekonda ilu. |
| DORA | Għadda minn hawn? U issa fejn mar? |
| PREŻENTATUR | Bgħattu jixwi lil Snowwajt u lis-seba' nani. |
| DORA | Snowwajt u s-seba' nani? Dan x'traħwid hu? |
| PREŻENTATUR | Issa m'għandix ċans infiehmek. |
| DORA | Ja mgħarrqa li hi... ikkorrompiethom. |
| PREŻENTATUR | Warrab min-nofs għax irrid nibdlu x-xena. |
| DORA | Għidtli li d-Dragunn mar lil hemm, hux? Mela jien mmur 'l hawn. *(lil-udjenza)* Qed tara kif sewwa għidlkom hux li l-kbir... għadu ġej! |

***Titlaq.***

| | |
|---|---|
| PREŻENTATUR | *(Jgħajjat lil-Backstage)* Intom hemm wara lesti? Purtiera! |

SC 11 — MUSIC T16

---

# *Xena 8A*

***Sett-G: .... FULL STAGE... PONT***

***PRINCE, XERIF u FORĊINA fuq il-pont***

| | |
|---|---|
| XERIF | Sire... ngħidlek is-sewwa għadni ma fhimt xejn. |

FORĊINA — *(b'leħen għoli)* Imma inti kemm iddum ma tifhem? Prince John iridna nġorru teżor kbir.

PRINCE — Ixxx.... iskot ja mbeċili. Hemm bżonn issemma l-Belt kollha. Iva, għandi ċertu ammont ta' flus li rrid inġorru minn hawnhekk għall-palazz il-kbir tal-Belt l-oħra.

XERIF — Imma din mhix l-ewwel darba li għamilnieha.

PRINCE — Dażgur! Imma dejjem serqilna kollox dak il-viljakk ta' Robin Hood. Insejtu li bilfors ikollna ngħaddu minn ġol-foresta? Did-darba rridu naħsbu fi pjan tajjeb.

FORĊINA — Inti ħalli kollox f'idejja Sire.

PRINCE — Dak hu l-biża' tiegħi. Isimgħu sewwa x'għandi f'moħħi. Intom it-tnejn irridkom tilbsu ta' żewġ kardinali...

XERIF — Kardinali! Mela tridna ndaħħku 'l kulħadd bina?

FORĊINA — Jien lili l-aħmar ma jixraqlix.

PRINCE — Intom se tagħlqu ħalqkom jew...

FORĊINA — ... nibgħatkom għall-giljottina.

PRINCE — Hekk hu! Isimgħu sewwa: tilbsu ta' kardinali u taħt il-libsa goffa tagħkom ikollkom moħbija ħafna boroż bil-flus.

FORĊINA — Imma dawk ara kemm ikun tqal.

XERIF — Bil-kemm inkunu nifilħu nimxu bihom.

PRINCE — Appuntu: tkunu żewġ kardinali xjuħ li bil-kemm tifilħu timxu. Robin Hood żgur mhux se jissuspetta f'żewġ kardinali xjuħ.

XERIF — Sire... mhux aħjar immorru bi stakkament suldati armati sa snienna u jekk Robin Hood jazzarda jitkessaħ, inġibuh *Beef Burger* tal-*Mad Cow!*

PRINCE — Id-darba l-oħra kellek ħamsin suldat taħt idejk u qlajtu taptipa.

FORĊINA — *(jiżżufjetta)* Ix-Xerif kien l-ewwel wieħed li ħarab.

XERIF — Inti trid inbellgħek snienek?

PRINCE — Mela l-lejla, malli jidlam ejjew il-palazz ħa tippruvaw il-libsa ta' kardinali.

FORĊINA — Jiena size 40 nilbes. Versace jew Pierre Cardin.

***PRINCE jitlaq.***

---

***Sett bħal qabel (FULL STAGE : PONT)***

FORĊINA — Issa x'se nagħmlu?

XERIF — Xi trid nagħmlu? Nitolbu li l-Bambin jibgħathielna tajba. Ara, inti ibqa' stennieni ftit hawnhekk, sakemm jiena mmur nipprepara erba' xwabel, seba' skieken u *machine gun*. Jaqbel inkun Kardinali-Gwerilli. Ħallejtek.

***Jitlaq***

FORĊINA — Kollox sew. *(waħdu)* X'kull waħda wkoll! Issa jekk Robin Hood jinduna u jattakkana. EX/ITS

***Tidħol Dora minn naħa ta' isfel tal-Pont. (Kostum Nru 3)***

DORA — Ajma kif qlajt saqajja nimxi. Dal-bdil kollu tax-xeni ma nistax illaħħaq miegħu.

FORĊINA ON BRIDGE — *(jilmaħha)* DORA. Kemm qed nieħu gost narak. Stennieni ftit hemm.

***FORĊINA jinżel minn fuq il-pont (idur minn wara l-palk) biex jiġi ħdejn Dora***

DORA — Iva, allura dan ma nista' neħles minnu qatt jien. Indur fejn indur insibu ma' saqajja.

FORĊINA ENTERS — Għandi aħbar għalik. Prince John se jafdali f'idejja biċċa xogħol sigrieta.

DORA — Jien ili nissuspetta li Prince John tilef rasu.

FORĊINA — Ma tħossokx imkabbar bija? Se nilħaq kardinal.

DORA — Kardinal? Mela l-kardinali jagħmilhom Prince John?!

FORĊINA Le, le. Qed ngħid lilek biex nurik kemm nafdak u kemm inħobbok.

DORA Lili aħjar ma tħobbni xejn għax jiena... jiena tifla mqarba.

FORĊINA Hekk inħobbhom jiena... imqarbin. *(jipprova jaħtfaha)*

DORA Warrab lil hemm isa... li ma jarakx xi ħadd u tagħtini fama ħażina. X'kont qed tgħidli dwar il-kardinal?

FORĊINA Iva. Jien u x-Xerif se ngħaddu mill-foresta libsin ta' kardinali u taħt il-libsa se nkunu qed inġorru ħafna flus... il-flus ta' Prince John.

DORA X'kull waħda wkoll. U ħallini minnek.

FORĊINA Iva veru... biex Robin Hood ma jissuspetta b'xejn.

DORA Tgħid mhux se nemmnek! Li kieku kien veru ma kontx se tiġi tgħid lili, meta taf li Robin Hood huwa ħija u jiena mmur ngħidlu b'kollox.

FORĊINA Mela Robin Hood huwa ħuk????

DORA Ara l-balalu... taparsi ma kienx jaf. Anki dawk jafu.

FORĊINA Ara ma tmurx tgħidlu tafx għax żgur joqtolni.

DORA Serraħ rasek għażiż tiegħi... minx se ngħidlu. U taf l-għaliex? Għax minix nemmnek.

FORĊINA Kollox sew, kollox sew! Temminnix. Isma' x'għidtli.... għażiż tiegħi!?

***Jidħol ix-XERIF mas-SULDATI u FOLLA***

XERIF Forċina.... isma' ftit 'l hawn. Mur għand il-ħaddied u ħu x-xwabel fil-palazz. Qiegħed isinnhom.

FORĊINA Kollox sew. Saħħa sbejħa DORA.

***FORĊINA jitlaq***

DORA — Ara l-famuż Onorevoli li jisraq il-qlub ta' kulħadd.

XERIF — Ħallina Sinjura...

DORA — Sinjorina!

XERIF — Għax dalgħodu m'għandix moħħok. Inkwetat.

DORA — Dejjem inkwetata u mħasseb inti. Lanqas li kont..... kardinal.

XERIF — X'inhu!!! X'għidtli?

DORA — Għidtlek lanqas li kont kardinal.

XERIF — Min qallek? X'taf? Ismagħni sewwa. Mur għid lil ħuk li dalwaqt se jgħaddu mill-foresta ħames mitt suldat armati sa snienhom bil-lanzetti u kanuni. Għidlu li waslet is-siegħa, għax xi darba kulħadd jisfa attakkat.

~~KANZUNETTA 8~~

~~(The Rain in Spain)~~

XERIF — Kulħadd xi darba jisfa attakkat!
Kulħadd xi darba jħossu assedjat!
Jaqbillu ħuk joqgħod attent

DORA — X'inhu ġej? X'inhu ġej?

XERIF — Se jkaxkru il-kurrent.

DORA — Għalfejn? Għalfejn?

KOR — Kulħadd xi darba jisfa attakkat!
Kulħadd xi darba jħossu assedjat!

*Parlant:*

*DORA* — *Inti tabilħaqq tirrispettani*
*U ġejt sabiex tavżani!*

*XERIF* — *L-attakk li ġej mhuwiex taċ-ċajt*

*DORA* — *Attakk li jiena ġa ppjanajt!*

| | |
|---|---|
| DORA | U ejja ma nitilfux żmien... |
| XERIF | X'inhu ġej? X'inhu ġej? |
| DORA | Ma tafx? Hawn għalik jien! |
| XERIF | Għalfejn? Għalfejn? |
| DORA | Kulħadd xi darba jisfa attakkat! |
| | Kulħadd xi darba jħossu assedjat! |
| KOR | Jekk fis iċċedi l-armi, ma tagħlix! |
| | Kultant jaqbillek ma tirreżistix. |
| XERIF | Nixtieq minn hawn nitlaq intir! |
| KOR | Kieku ssib.... ġwienaħ ħfief! |
| | Dan hu l-Assedju l-Kbir! |
| KOR | U int... tellief! |
| DORA | Taqtax, qalbek mill-ħajja! |
| KOR | Sib kenn.. hawn ġo dirgħajja! |

---

***Ma' tmiem il-KANZUNETTA Suldati u Folla jitilqu***

DORA — *(lill-udjenza)* Qed taraw kemm iħobbni... irid anki jsalva lil ħija. *(lix-Xerif)* X'ma nħobbokx. Ersaq lil hawn.

XERIF — X'se tagħmel?

DORA — Ta' din ħaqqek bewsa.

XERIF — Le le... ma ħaqqni xejn.

DORA — U ajma kemm tistħi... raġel bħalek. *(tiġri warajh)*

XERIF — Ara x'kull waħda wkoll. Forċina.

DORA — Ersaq lil hawn għax il-kbir.... għadu ġej!

***Dora titlaq tiġri wara x-XERIF u jidħlu 'l ġewwa.***

## *Xena 9A*

***Sett-H .... FORESTA ... HALF STAGE...***
***siġra mimduma.***

***ROBIN HOOD u Dora on stage***

| | |
|---|---|
| ROBIN HOOD | Kif inhi din? Interessanti. X'qalulek eżatt allura? |
| DORA | Mela! Se jattakkawk b'xi 5 miljun suldat.... jekk mhux aktar. U jekk fhimtu sewwa se jkollhom anki t-tankijiet u xi żewġ murtal tal-ftuħ. |
| ROBIN HOOD | Le.. le... imma x'qallek Forċina? |
| DORA | U le, dak tiħux għalih daqskemm iħawwad. |
| ROBIN HOOD | Imma x'kardinali huma li semmielek. |
| DORA | U... qal li huwa u x-Xerif se jilbsu ta' kardinali u jgħaddu mill-foresta jġorru l-flus ta' Prince John. Imma liema ħmar se jiblagħha ħaġa bħal din? |
| ROBIN HOOD | Ehhh... din aktar taqbel ma' l-istil ta' Prince John. Fejn huma l-irġiel. Fejn marru dawk. Merrymen! |
| | ***Mużika ta' "Hi-Ho" minn "Snow White". Jidħlu s-seba' Merrymen, bl-istesss ilbies li kellhom qabel, imma lkoll bil-baffi u barjola ġo rashom. Ikantaw.*** |
| ROBIN HOOD | Dan x'inhu jiġri? Mela ħsibtu li flok il-Milied ġej il-Karnival? |
| FRA | Irreżenjajna Robin Hood. |
| BOMBA | Dħalna naħdmu ma' Snowwajt. |
| CHARDONNAY | U x-xogħol tassew interessanti. Ġa xrobt flixkun u nofs. |

| | |
|---|---|
| HOMBRE | U trid tarana niżfnu. |
| ROBIN HOOD | Fittxu neħħu dawk il-bużulloti minn ma' wiċċkom għax għandna biċċa xogħol kbira x'nagħmlu. |
| DORA | Dik l-imgħarrqa ta' Snowwajt irnexxielha taqilbilhom moħħhom. |
| ĠIGĠIFOGU | Jaqaw.... se nattakkaw x'imkien? |
| ROBIN HOOD | Prince John irid mingħalih jgħaddina biż-żmien, imma jekk tgħinuni hemm ċans li nisirqulu kemxa flus tad-deheb. |
| MERRYMEN | Flus tad-deheb??!! |
| ROBIN HOOD | Teżor sħiħ. |
| ĠIGĠIFOGU | L-aħwa, mela jaqbel nirreżenjaw min-nani u nerġgħu lura għall-Merrymen. |
| ŻMAGAT | Wara kollox, Snowwajt qatt ma tatna flus. |
| DREAMLAND | Fejn jidħlu l-flus ma jidħol xejn. |
| DORA | Kemm jibdielhom malajr qed ngħid.... qishom il-*floating voters* ta' Malta. |
| ROBIN HOOD | Mela għalina l-aħwa! |
| MERRYMEN | Għalina! Hi-Ho.... Hi-Ho |
| ROBIN HOOD | Oj.. oj... x'intom tgħidu? Mela nsejtu? |
| FRA | Skużana Robin Hood. Għalina l-aħwa. |

***Merrymen jiffurmaw ċirku u "SPORTS SHOUT"***

***Jitilqu 'l barra ma' ROBIN HOOD***

## *Xena 9B*

***Sett bħal qabel (Sett-H .... HALF STAGE .... Foresta, siġra mimduma).***

***Joħorġu x-XERIF u FORĊINA libsin ta' Kardinali.***

| | |
|---|---|
| XERIF | Allaħres tarani Maide Marianne f'din is-sura. |
| FORĊINA | Jew DORA. Qed nistħajjilni l-ħuġġieġa ta' San Ġwann. |
| XERIF | Jien naħseb li ntlifna. Għandek idea f'liema parti tal-foresta ninsabu? |
| FORĊINA | Mank hawn tabella xi mkien bħal dawk tal-kunsilli: Welcome from the Kunsill of Sherwood Forest! |

***Joħroġ ROBIN HOOD***

| | |
|---|---|
| ROBIN HOOD | Ngħidilkom jiena. Tinsabu f'parti tal-foresta li hija privata. Tiegħi. |
| XERIF | Bonġu Sinjur. Aħna żewġ kardinali xjuħ. |
| FORĊINA | Uuu... ara kemm aħna xjuħ. *(jitgħawweġ ganġ)* |
| ROBIN HOOD | Imsieken! U ngħid jien dan kif żewġ kardinali xjuħ, jiddeċiedu li jaqsmu l-foresta hekk, waħidhom... bil-mixi? |
| XERIF | Għax minbarra xjuħ aħna foqra wkoll. |
| ROBIN HOOD | Kardinali xjuħ u foqra. Interessanti din! |
| FORĊINA | *(lix-Xerif)* Tgħid belagħha? |
| XERIF | Iskot ja mbeċilli. *(lil Robin Hood)* Allura sieħeb, ma tistax turina ftit liema hija t-triq għall-Belt hux. |
| ROBIN HOOD | Mela le. Imma din l-informazzjoni tqumilkom sold ġmielu. |

FORĊINA — Ma jimpurtax.. hawn ara.. kemm trid nagħtuk? *(ikun se jgħolli l-libsa biex joħroġ borża flus).*

XERIF — X'se tagħmel ja baħnan???

ROBIN HOOD — Kardinali foqra eh.... *(jgħajjat)* Ħbieb.

***Joħorġu s-seba' Merrymen.***

MERRYMEN — Hawn aħna.

ROBIN HOOD — Agħmlu li għandkom tagħmlu.

***Merrymen jaqbżu fuqhom, ineżżgħulhom il-libsa, u x-XERIF u FORĊINA jispiċċaw bil-qliezet ta' taħt, b'ħafna boroż tal-flus imdendlin magħhom.***

ROBIN HOOD — Xi tgħidli Sur Xerif? Bonġu Forċina!

XERIF — Ara mhux tort tagħna. Din kollha kienet idea ta' Prince John. Hawn ħa.. ħu flus kemm trid. Ħudhom.

FORĊINA — Wara kollox m'inti qed tieħu xejn minn tagħna. Help yourself.

XERIF — Imma toqtolniex. Ħenn għalina. Taf oħtok kemm tħobbni.

FORĊINA — U jien kemm inħobbha!

ROBIN HOOD — Tajjeb, mela morru lura għand Prince John u għidulu li l-idea tiegħu ma' ħadmitx; u minn Kardinali issa nbdiltu f'reklam ta' l-Abanderado! L-għodwa t-tajba.

***ROBIN HOOD u MERRYMEN jitilqu jidħku kemm jifilħu.***

---

# *Xena 9C*

***Sett bħal qabel (Sett-H .... HALF STAGE .... Foresta, siġra mimduma).***

XERIF — Issa x'se nagħmlu?

FORĊINA — Xi trid nagħmlu, Xerif? Ikollna mmorru lura mnejn ġejna.

XERIF — Imma hekk... bil-qliezet ta' taħt???

FORĊINA — Allura x'nagħmlu? Ninżgħuhom??

***Toħroġ Dora***

DORA — X'waħda din! X'għarukaża.

FORĊINA — Skużana DORA... imma ħuk serqilna kollox.

XERIF — Ja viljakk li hu.

FORĊINA — *(jersaq pass lejha)* Imma ta' lanqas ġietu ħniena minna u m'għamlilna xejn.

DORA — Ersaq lil hemm.... x'tustaġni.

***Jitfaċċa d-Dragun.***

ILKOLL — X'waħda din. Id-Dragun!

***Jidħlu jiġru 'l ġewwa.***
***MUŻIKA***
***Ġirja waħda minn.... Merrymen, Robin Hood, Snowwajt, il-Henchman u fl-aħħar nett il-PREŻENTATUR li jgħajjat:***

PREŻENTATUR — Separju!!!

---

## *Tmiem l-Ewwel Att*

3 ACT

# IT-TIENI ATT

LC 13

SC 13 intro

## *XENA 10 A*

***SET- J -- FULL STAGE -- Tournament: Tribuna.***

***Sefturi u Suldati qed jarmaw ringiela ħaxix mal-platform.***

NB CHANGE CD 2

PRINCE Tassew ma tinqalgħu għal xejn. Imbeċilli. Baħnana. Stupidi.

XERIF Sire... imma aħna konna tnejn kontra... kontra xi mitejn ruħ, kollha armati sa snienhom bix-xwabel u s-skieken. Xi stajna nagħmlu?

FORĊINA *(klix-Xerif)* Stenna ftit... mhux tmienja kienu? *(Jgħodd)* Ara, Robin Hood, dak il-patri l-oħxon...

XERIF Iskot ja żmagat għax nifqagħlek għajnejk.

PRINCE Il-fatt li qabadkom juri li l-parti tagħkom ma rreċtajtuhiex sewwa.

XERIF Le, Sire dan mhux *fair*. Nirreċtaw nafu. Hu minni per eżempju... jiena tfajla u qed nagħmel il-parti ta' Xerif!!

PRINCE Naqtgħuha. Issa jiena ħadt il-biċċa f'idejja. Dak l-imberfel ta' Robin Hood se jpattiha qares tal-flus li seraqli. Ġa bgħatt grupp suldati jħabbru li għada se jkollna tournament kbir. Kompetizzjoni bil-qaws u l-vleġġa. Robin Hood għandu l-fama bħala l-akbar arċier. Taħseb li se jirreżisti kompetizzjoni bħal din.

FORĊINA Arċier xi jkun? Xi ħaġa bħal arċipriet?

XERIF Arċier wieħed li jaf jispara l-qaws. Xi ħaġa li inti ma tista' tkun qatt.

## *XENA 10 B*

***SETT bħal qabel - FULL STAGE - Tournament.***

***Tidħol MAIDE M'ANNE***

MAIDE M'ANNE — Qaluli li bgħatt għalija Sire.

PRINCE — Iva. Int ukoll se jkollok sehem f'dil-biċċa. Smajt bih it-tournament li se jkollna?

MAIDE M'ANNE — Il-kompertizzjoni tal-qaws? Iva smajt.

PRINCE — Mela suppost smajt ukoll li r-rebbieħ, minbarra somma flus se jkollu premju ieħor. Jirċievi bewsa mingħandek.

MAIDE M'ANNE — Bewsa mingħandi? U dan l-għala?

PRINCE — Għax skond informazzjoni li għandi, dak l-iżmattat ta' Robin Hood mitluf warajk.... u għal bewsa mingħandek jagħmel kollox.

XERIF — Robin Hood ibus lil Maide Marianne??? Ma jistax ikun.

SC 14 – Shake it

New CD Track 1

NEW CD No 1

SHAKE

Kanuznetta - 9

(Money, Money)

PRESS Chase 1 + Scene 1

XERIF Bewsa żgur ma nitlifhiex
Ma nitlifhiex, ma nitlifhiex
Bewsa żgur ma nitlifhiex

PRINCE/ FORĊ Hemm ċans li ma ssibhiex!

XERIF Lil Maide Marianne nirbaħ żgur
Nirbaħha żgur, nirbaħha żgur,
Lil Maide Marianne nirbaħ żgur,
U qalbi nħossha tfur,

PRINCE/FORĊ L-aktar bid-dulur!

KOR Spara l-vleġġa! Spara - spara....
Spara l-vleġġa! Spara - spara....
Spara l-vleġġa! Spara - spara....

Jekk il-vleġġa tmurlek żmerċ
Ittir 'l hemm, ittir 'l haw'
U n-nies kollha jisfrattaw
Jiġru 'l hemm, jiġru 'l haw'
Bik jibdew jiżżufjettaw
Jidħku 'l hemm, jidħku 'l haw'
U min jaf kemm jixxalaw
Jaqbżu 'l hemm, jaqbżu 'l haw'

Jekk il-vleġġa ta' l-imħabba
Tmur żmerċ, u għalxejn
Minn Maide Marianne tixtieq taqla'
Xi bewsa jew tnejn,
Robin Hood malajr jitfaċċa
Fil-pront 'kiss inkiss,
U Maide Marianne tagħti bewsa
Lilu biss!

XERIF Se nittrenja lejl u nhar
Fuq l-isparar, fuq l-isparar,
''L Robin Hood ngħidlu "Bye,Bye"
Xħin nolqot il-*Bull's Eye*

PRINCE/FORĊ U ngħidu: Ħa-ħa-ħaj!"

KOR

Spara l-vleġġa! Spara - spara....
Spara l-vleġġa! Spara - spara....
Spara l-vleġġa! Spara - spara....

Jekk il-vleġġa tmurlek żmerċ
Ittir 'l hemm, ittir 'l haw'
U n-nies kollha jisfrattaw
Jiġru 'l hemm, jiġru 'l haw'
Bik jibdew jiżżufjettaw
Jidħku 'l hemm, jidħku 'l haw'
U min jaf kemm jixxalaw
Jaqbżu 'l hemm, jaqbżu 'l haw'

Jekk il-vleġġa ta' l-imħabba
Tmur żmerċ, u għalxejn
Minn Maide Marianne tixtieq taqla'
Xi bewsa jew tnejn,
Robin Hood malajr jitfaċċa
Fil-pront 'kiss inkiss,
U Maide Marianne tagħti bewsa
Lilu biss!

XERIF

Lil Maide Marianne nirbaħ żgur
Nirbaħha żgur, nirbaħha żgur,
Lil Maide Marianne nirbaħ żgur,
U qalbi nħossha tfur,

KOR

Spara l-vleġġa... spara 'l fuq
Forsi tolqot żewġt iqlub
Spara, spara, tinkwetax
Iżda bewsa ma taqlax;
Spara l-vleġġa.. mqar tnejn tnejn...
Żgur se tibqa' b'xejn!

---

LIGHTS
PRESS
51+13
+SLIDERACTION

NB: CHANGE CD 2

| | |
|---|---|
| XERIF | Sire... jiena nista' nidħol għal din il-kompetizzjoni? |
| PRINCE | Basta tgħidli mnejn tkun se tispara biex inżomm 'il bogħod minnek kemm jista' jkun. |
| FORĊINA | U jien nista' nidħol? |
| PRINCE | Meta nkunu se nagħmlu t-tlielaq tal-ħmar, navżak. Inti mur sib lis-suldati li qed ixerrdu l-aħbar tat-tournament u ngħaqad magħhom. Qis li ddur kull rokna tal-Belt. U tinsiex issemmi l-bewsa ta' Maide Marianne. |
| MAIDE M'ANNE | Imma jien minix lesta nagħti l-bews tiegħi kif ġie ġie. |
| PRINCE | Inti jkollok tagħmel dak li nordnalek jiena. Xerif. Mur ħudha fil-kamra tagħha u qis li qabel għada filgħodu ma tiċċaqlaqx minn hemm. Agħmel l-għassa mal-bieb. |
| XERIF | Grazzi, grazzi... forsi l-għassa aħjar nagħmilha minn ġewwa milli minn barra. |
| PRINCE | Agħmel li trid. Tlaqna. |

***Il-palk jitbattal kollu.***
***Joħorġu PIFF u PAFF***

---

SC 15+16

## *XENA 10 C*

***SETT bħal qabel - FULL STAGE - Tournament.***

| | |
|---|---|
| PIFF | Kompetizzjoni bil-qaws u l-vleġġa. |
| PAFF | Interessanti. |
| PIFF | Hemm isfel hemm xi ħadd minnkom |
| PAFF | Li jrid jieħu sehem fiha? |

PIFF M'hemmx għalfejn tkun taf timmira;

PAFF Anzi aktar ma tispara fejn ġie ġie aħjar....

PIFF Forsi bi żball tolqot lil _______________

PAFF Jew lil _______________

PIFF Issa tassew ġejja ftit azzjoni.

PAFF Ftit tixrid tad-demm.

PIFF Yessssss! Yesssss!

---

# XENA 10 D

***SETT bħal qabel - FULL STAGE - Tournament.***

***Joħroġ FORĊINA ma' salt nies, suldati sefturi, Merrymen eċċ.***

FORĊINA It-Tournament tas-sena ħbieb. Akbar mill-iSports Day. Akbar mil-Prize Day, akbar mill-Open Day. Akbar mill-Panto innifisha.

**KANZUNETTA 10** *(I Feel Pretty)*

FORĊINA
Ħudu l-mira
B'reqqa kbira;
Għax dat-Tournament se jkun famuż,
Minn kull rokna
Tal-pajjiż ġejjin nies bil-gzuz!
U rigali
Tant speċjali,
Se jirċievi fil-pront ir-rebbieħ
Bewsa kbira
Minn Maide Marianne appost' għalih.

KOR

Ejjew ersqu ħa tippruvaw
Forsi ssibu xortikom,
Hemm ukoll senduq bil-flus tad-deheb... għar-rebbieħ.

FORĊINA

Okkażjoni
Eċċezzjoni,
Mistagħġbin kemm se jkollna sparar,
Xi tferfir
Jiena għal bewsa, naqbeż fin-nar!

KOR

Ħudu l-mira
B'reqqa kbira;
Għax dat-Tournament se jkun famuż,
Minn kull rokna
Tal-pajjiż ġejjin nies bil-gzuz!
U rigali
Tant speċjali,
Se jirċievi fil-pront ir-rebbieħ
Bewsa kbira
Minn Maide Marianne appost' għalih.

FORĊINA

Ejjew ersqu ħa tippruvaw
Forsi ssibu xortikom,

KOR

Hemm ukoll senduq bil-flus tad-deheb... għar-rebbieħ.

KOR

Okkażjoni
Eċċezzjoni,
Mistagħġbin kemm se jkollna sparar,
Xi tferfir
Jiena għal bewsa, naqbeż fin-nar!

LC 14+15+16

---

***Ma' tmiem il-kanzunetta joħroġ il-PREŻENTATUR***

PREŻENTATUR

Ħadtuli rasi b'dan l-istorbju kollu. Dan xi stunar hu? Titħajrux toħorġuha CD ukoll? Isa ikklirjawli l-palk.

FORĊINA

Isma'... jaqaw inti hekk biss taf tgħid?

PREŻENTATUR Dak hu xogħli.

FORĊINA *(Jimitah)* Dejjem: ikklirjawli l-palk. Ejjew ħa nibdlu x-xena. Purtiera!

***Tibda nieżla l-purtiera s-sewda***

PREŻENTATUR Mhux issa! Mhemmx għalfejn nibdlu x-xena! X'se tagħmlu?

***BLACKOUT***

# *XENA 11 A*

***SETT-K ..... HALF STAGE ..... FORESTA.***
***Bħal Sett-D: Siġra kbira u sellum tal-ħabel***

***Joħroġ PREŻENTATUR.***

PREŻENTATUR Imma x'intom tħawdu? Dix-xena ġa rajnieha xi darbtejn oħra. Se tħarbtuli kollox. Jekk se tibqgħu sejrin hekk se nirreżenja

***Joħorġu l-HENCHMAN u DORA***

DORA *(lill-Preżentatur)* Ara.. għidlu ftit inti lil dan. Qed ifittex ħanżir.

PREŻENTATUR Lili ddaħħluni f'xejn aktar. Xbajt. *(JITLAQ)*

HENCHMAN Imma ifhimni sewwa Sinjura...

DORA Sinjorina!

HENCHMAN Jien għandi bżonn ħanżir. Ili sagħtejn indur mal-foresta u lanqas fenek imġiddem ma rajt, aħseb u ara ħanżir.

DORA Ma tinqediex bi Dragun, għal li jista' jkun, hux?

HENCHMAN Le. Ħanżir għandi bżonn. Irrid insibu, naqbdu, noqtlu u noħodlu qalbu.

DORA Hii kemm għandek gosti strambi qed ngħid.

HENCHMAN Mhux għax irrid. Imma biex neħles lil Snowwajt mill-mewt hekk se jkolli nagħmel; għax lir-reġina rrid nuriha qalbha.

DORA Isma' issa dejjaqtuni tafx. Xbajna ngħidulkom: din hija l-istorja ta' Robin Hood.

HENCHMAN Imma jien xogħli niġri wara l-ħanżir.

DORA Mela mur oqgħod iġri wara Prince John.

HENCHMAN Imma inti ċerta li din hija l-istorja ta' Robin Hood.

DORA Dażgur li ċerta. Ħa llaqqgħek miegħu. Robin.. Robin...

***Jitfaċċa l-Pitirross.***

DORA U mhux lilek.

HENCHMAN Mela Robin Hood għasfur?

***Jitfaċċa d-Dragun - udjenza tgħajjat.***

HENCHMAN Dan x'ġara? Għalfejn qed jgħajtu?

***DORA u HENCHMAN jindunaw bid-Dragun.***

DORA X'waħda din... id-Dragun!

***DORA u HENCHMAN Jaħarbu. Dragun jitlaq warajhom.***

---

# *XENA 11 B*

***SETT bħal qabel..... HALF STAGE ..... FORESTA.***
***Siġra kbira u sellum tal-ħabel***

***Joħroġ ROBIN HOOD mal-Merrymen***

| | |
|---|---|
| ROBIN HOOD | DORA! DORA! Fejn marret dik? *(lil sħabu)* Dil-biċċa tat-tournament hemm bżonn nistudjawha sewwa. |
| ĠIGĠIFOGU | Mhemmx x'nistudjaw. Din nasba. Prince John dendillek il-lixka. Iridek tidħol għall-kompetizzjoni biex jarrestak. |
| BOMBA | Imma inti mintix daqshekk bla moħħ li se taqa' fin-nassa. |
| CHARDONNAY | Jien lanqas jekk iddehebni ma nersaq lil hemm. |
| FRA | Min jaf kemm se jkun hemm suldati lesti għalina. |
| ŻMAGAT | Bil-lanzetti u l-bajjunetti. |
| DREAMLAND | Is-sjuf u l-istalletti. |
| HOMBRE | U jorbtuna bil-manetti. |
| ROBIN HOOD | Ma nafx... issa nieħdu ftit il-parir ta' DORA. Fejn baqgħet dik. DORA! |
| | ***Toħroġ DORA*** |
| DORA | Ajma.. dak id-Dragun neħħieli għoxrin sena minn ħajti. |
| ĠIGĠIFOGU | Mela ġejt ta' erbgħbin. |
| DORA | *(lil Robin Hood)* Sa fl-aħħar se nispiċċa nimmankali lil xi wieħed minnhom, lil dawn. |
| ROBIN HOOD | Oħt, konna qed nitkellmu dwar it-tournament. Inti x'taħseb? |
| DORA | Ħeqq... ċara l-biċċa hux! Nasba ta' Prince John. |
| MERRYMEN | Qed tara kif sewwa għidnielek. |
| DORA | Ara ma jfettillekx tet. |
| ROBIN HOOD | Imma jekk nixhet kappa fuqi u ma jagħrfunix. Għal bewsa mingħand Maide Marianne jiena lest nagħmel kollox. |

*SC 17 FANFARE*

**DORA** U ajma x'kull waħda. Dak in-nhar li ġiet hawn fil-foresta u ħallejniekom waħidkom, ma naħsibx li qgħadtu tħarsu lejn xulxin. Hemm bżonn tipperikola ħajtek?

**ROBIN HOOD** Għażiża oħti, għadda minn għala widnejja li x-Xerif se jikkompeti wkoll. Jekk ma nirbaħx jien, għandu mnejn jirbaħ hu. Trid tarah jaqla' bewsa mingħand Maide Marianne???

*LC 17*

**DORA** Hmmm... eh.... wara kollox ma naħsibx li hemm periklu kbir ħafna, mhux hekk? U bil-kappa min tridu jagħrfek, x'kull waħda? (lill-Merrymen) U intom ajma kemm tibżgħu minn dellkom... qiskom ċapsiet!

**ROBIN HOOD** Mela miftehmin aħna.

**FRA TAKK** Dik hi kollha.... kelma ta' mara taqleb id-dinja ta' taħt fuq!

**ROBIN HOOD** Mela tlaqna għat-tournament, l-aħwa.

**BOMBA** *(lil DORA)* Issa jmissek tgħidha li "Il-Kbira għadu ġej"!

**DORA** Iva... kont se ninsa. *(lill-udjenza)* Attenti l-aħwa ~~għax il~~-kbir... għadu ġej.

*SC 17* *MIDDLE CURTAIN CLOSES*

***ROBIN HOOD, DORA u MERRYMEN jitilqu.***
***Meta lkoll jidħlu 'l ġewwa, jgħaddi d-Dragun warajhom li wkoll għandu qaws u vleġeġ f'idejh.***

---

## *XENA 12*

*LC 17 (SC 17)* *LQ 3 NO 14* *FANFARE*

***SETT-L ... FULL STAGE ... Tournament.***
***L-istess bħal Sett-J, imma jiżdiedu żewġ pennants mal-wings il-kbar tal-ġnub.***

***DAQQ ta' TROMBI*** *UP TO OPENING CURTAIN*

***Joħorġu PRINCE u MAIDE M'ANNE li jmorru jieħdu posthom fit-tribuna.***
***XERIF, FORĊINA, Suldati, sefturi, PIFF u PAFF.***

***Minn ġenb ieħor joħorġu wkoll ROBIN HOOD, MERRYMEN u DORA.***

FORĊINA — Sire, fejn jaqbel li npoġġuha t-*target* biex jisparaw fuqha?

PRINCE — 'Il bogħod kemm jista' jkun.

FORĊINA — *(lil żewġ suldati)* Tajjeb mela niżżluha hemm isfel, qalb l-udjenza.

***Suldati jinżlu qalb l-udjenza bit-target.***

PIFF — Famuż! Mela issa żgur se naraw xmara ta' dmija.

PAFF — Naħseb nifqgħu xi żewġ għajnejn, eh?!

Suldat-1 — Tajjeb hawn, Forċina?

FORĊINA — Forsi aktar lil hemm.

Suldat-2 — Hekk aħjar?

FORĊINA — Le... forsi aħjar tqegħduha wara dawk ta' lil hemm, ara. *(lill-udjenza)* Intom ma tiddejqux hux nispara il-vleġeġ in-naħa tagħkom? X'inhu? *(ftit inter-azzjoni spontanja ma' l-udjenza).*

Sc 18

XERIF — *(lil Prince John)* Sire, qed jgħidu ma jriduhiex hemm isfel. Naħseb aħjar intellgħuha lil hawn, għandna mnejn nagħtu battikata lil Dr. Baldacchino!

PRINCE — Kollox sew. Itilgħu 'l hawn fuq.

PIFF — Kemm intom *spoil sport!*

PRINCE — Idħlu bihom 'l hemm ġew.

PAFF — Tajjeb.... forsi issa jolqtu lil tal-*Backstage!*

SC 18

1 Sheriff - T.11
ROBIN - T.12

PRINCE Niddikajra dan it-tournament miftuħ. Borża flus u bewsa mingħand in-nobbli Maide Marianne għar-rebbieħ.

***Waqt il-kanzunetta joħorġu jisparaw dawk kollha li jissemmew. Ċapċip jew ibbuwjar skond min ikun. Fl-aħħar nett joħroġ ROBIN HOOD jispara.***

Kanzunetta 10 a

*(Thank You Very Much)*

KOR
Ej naraw min se jispiċċa jkun tassew rebbieħ,
Min se jaqla' żewġ rigali l-veru sbieħ,
Hemm borża kbira kollha flus
U bews tassew meraviljuż
Naraw min ser ikun l-eroj elett

FORĊINA
Insejħu 'l Ġiġġifogu l-ewwel nett!

KOR
Spara w titlifx żmien
Mhux wisq 'il quddiem
Għax jeħtieġ li kollox jimxi sewwa w bla tbagħbis,
It-*target* mhix 'l bogħod
'Mma xorta qed jirtogħod,
U l-mira jaqbel jieħu sew mill-aktar fis,
Il-folla b'entużjażmu qed tistenna,
Ejja Ġiġġifogu tilifx żmien....
Iva se jispara.. se jispara... wieħed... tnejn...
Imma xorta waħda m'għamel xejn!

FORĊINA
*(parlant fuq il-mużika)* Bomba... fejn u Bomba ?

KOR
Forsi dan aħjar,
Jifhem fl-isparar,
Nittamaw li t-*target* jolqot imqar ftit viċin,
Arawh kemm hu attent,
Biex jagħżel il-mument,
Avolja is-sekondi b'ħeffa għaddejjin.
Il-folla b'entużjażmu qed tistenna,
Ejja Bomba ejja tilifx żmien....
Iva se jispara.. se jispara... wieħed... tnejn...
Imma xorta waħda m'għamel xejn!

FORĊINA (parlant fuq il-mużika) L-Onorevoli Xerif ta' Nottingham!

KOR Dan suppost kmandant,
Mhux wisq injoranti,
Suppost jifhem fl-armi sew w espert ta' l-isparar,
Jippoża ta' kampjun,
Baħnan u fanfarun,
U f'dak li jagħmel joħroġ spiss ta' l-akbar ħmar,
Il-folla b'entużjażmu qed tistenna,
Ejja Xerif ejja tilifx żmien....
Iva se jispara.. se jispara... wieħed... tnejn...
Imma xorta waħda m'għamel xejn!

FORĊINA (parlant fuq il-mużika) Il-Pitirross tal-Barnuża!

KOR Ħadd ma jaf min hu,
Kien fit-tarf tal-kju,
Smajthom jgħidu illi dana hu x'aktarx stanġier,
Arawh, il-qagħda ħa
U bl-akbar serjeta
Ix-xeħta għandu verament ta' l-aqw' arċier,
Il-folla b'entużjażmu qed tistenna,
Ejja fittex ejja tilifx żmien....
Iva se jispara.. se jispara... hekk malaj'
Iva, iva laqat il-*Bull's Eye*
Iva, i–va laqat il-*Bull's Eye*

SC 18A + 19 music
SB
DRAŻUN

---

***Ċapċip kbir. Tnejn jersqu jerfgħuh fuq spallejhom.***

DORA Tgħolluhx iżżejjed jaħasra għax dak ibati bil-vertiġni.

PRINCE Suldati! Arrestawh!

***Suldati jaħtfu lil ROBIN HOOD u jneħħulu l-kappa.***

PRINCE Il-famuż Robin Hood. Sa fl-aħħar tinsab taħt idejna. Imma aħna dejjem inżommu l-kelma tagħna. Mhux biss se nagħtuk borża flus... u bewsa mingħand Maide Marianne.... imma se

18A DRAGUN

naghtuk bewsa oħra mingħand is-Sinjorina Giljottina. Għall-mewt.

***Joħroġ id-Dragun bil-qaws f'idu.***
***Konfużjoni u twerżiq mill-folla.***

PRINCE — Ħa qatta mbeċilli; ħallejtu lil Robin Hood jaħarbilkom!

***Joħroġ il-PREŻENTATUR b'ħafna vleġeġ ġo dahru u sidru!***

SC19

PREŻENTATUR — Dan diżastru sħiħ. Rebus. Purtiera! Purtiera!

- NO6 CDR1

---

~~Sc 18~~

# *XENA 13A*

***~~SETT-M~~ ... HALF STAGE ... ~~FORESTA~~.***
***ROBIN HOOD, DORA u MERRYMEN on stage.***

ROBIN HOOD — Min minnkom raħ l-aħħar lil Fra Takk?

DORA — Lil Fra Takk bilfors taraħ, anki jekk hu jkun iċ-Ċirkewwa u aħna nkunu Marsaxlokk.

ĠIGĠIFOGU — Ħin minnhom naf li kien maġenbi, imma mbagħad għosfor!

CHARDONNAY — Forsi ħatfu d-Dragun

BOMBA — Jew ħadu r-riħ.

***Toħroġ MAIDE M'ANNE***

MAIDE M'ANNE — Fil-konfużjoni rnexxieli naħarbilhom.

ROBIN HOOD — Għażiża tiegħi!

MAIDE M'ANNE — Imma għandi aħbar kerha. Prince John irnexxielu jaħtaf lil Fra Takk u qatagħhielu għall-mewt.

ILKOLL — Għall-mewt???

| | |
|---|---|
| MAIDE M'ANNE | Għal taħt il-giljottina.... għada mas-sebħ. |
| ROBIN HOOD | Ja viljakk li hu. |
| HOMBRE | Issa x'se nagħmlu? Nattakkaw il-kastell! |
| ŻMAGAT | Fra Takk ilu li tilef rasu, imma ma jaqbilx inħalluh jitlifha għal dejjem. |
| DREAMLAND | U jispiċċa bla ras. |
| DORA | Kien tant rasu fuq għonqu, jaħasra. |
| BOMBA | Jien dejjem kont ngħidlu: "Agħmel rasek fejn issibha!" |
| ĠIGĠIFOGU | Dan jurina li qatt m'għandek toħroġ għonqok iżżejjed. |
| ROBIN HOOD | Se ddumu tgħidu ħmerijiet? Ħallu kollox f'idejja. Ġa għandi pjan ġo moħħi. Għada filgħodu, Fra Takk ikun ħieles. *(lill-Merrymen)* Intom imxu lejn il-moħba tagħna ħa nitkellmu aħjar. *(lil DORA)* U inti ħu ftit ħsieb Maid Marianne. Ma rridx indaħħalha fil-biċċa... għax .. hemm riskju kbir. |
| DORA | Isma' aħna n-nisa ma nibżgħux mir-riskju. Kemm ħsibtna ġbajjar? |
| ROBIN HOOD | *(lil Maide Marianne)* Saħħa, għażiża tiegħi. Daqt nerġa' narak. |
| MAIDE M'ANNE | Saħħa ħanini. Oqgħod attent. |

***ROBIN HOOD u MERRYMEN jitilqu***

---

## *XENA 13B*

***SETT l-istess bħal qabel ... <u>HALF STAGE</u> ... FORESTA.***

DORA — Jien ili ngħidilkom li l-kbir... (...għadu ġej). Mhux għadu ġej... imma issa wasal.

*Toħroġ SAĦĦARA*

SAĦĦARA — Rajtuha xejn lil Snowwajt?

DORA — Ma nerġgħux nibdew tafx. Hawnhekk m'hawnx Snowwajtijiet.

MAIDE M'ANNE — Snowwajt x'għandha x'taqsam ma' l-istorja tagħna?

DORA — Jien naf... staqsi lilhom. Il-ħin kollu jippruvaw jidħlu baxx baxx fl-istorja tagħna. Donnhom l-emigranti klandestini!

SAĦĦARA — Imma allura ma tafux tgħiduli fejn tinsab?

DORA — Ġa għidtlek.. din mhix l-istiorja tagħha.

SAĦĦARA — Ara: tfajla sabiħa, xagħarha iswed, liebsa dublett blu, top abjad.

MAIDE M'ANNE — Ħa ngħidlek, nann. Inti trid issib lil Snowwajt?

SAĦĦARA — Dażgur.

MAIDE M'ANNE — Mela għada mas-sebħ ejja fil-pjazza tal-Belt. In-nies kollha se jkunu miġburin hemmhekk għax se jkun hemm esekuzzjoni...

SAĦĦARA — Esekuzzjoni??

MAIDE M'ANNE — Se jaqtgħu ras Fra Takk...

SAĦĦARA — Hmmm.... tgħidx kemm inħobb nara l-irjus jinqatgħu jien!

MAIDE M'ANNE — Jekk Snowwajt qiegħda f'din l-istorja wkoll, ibqa' żgura li għada tkun fil-pjazza.

SAĦĦARA — M'hawnx għalik. Grazzi. *(tkun ħier a imma tie af)* Isma' ma nagħmlux mod li Snowwajt hija xi waħda minnkom hux? *(Tiflihom se a)* Ħa nara. Le... Snowwajt tfajla sabiħa.

*Titlaq.*

DORA | Iss... bil-mod ħej Miss Univers. Mera, mera ta' mal-ħajt; min hi l-isbaħ li qatt rajt!

***Joħroġ il-PREŻENTATUR***

PREŻENTATUR | Għaddiet xi xiħa, minn hawn?

MAIDE M'ANNE | Telqet lil hemm.

PREŻENTATUR | Is-saħħara ta' Snowwajt! Ja mgħarrqa li hi! Għandna biżżejjed taħwid f'din l-istorja... sħaħar jonqosna! Ħa mmur nara nsibhiex.

DORA | Mela m'intix se tibdel ix-xena?

PREŻENTATUR | M'għandix żmien. Ibdluha intom.

***PREŻENTATUR jitlaq.***

DORA | Issa kif nagħmlu biex nibdlu x-xena?

MAIDE M'ANNE | Ma nafx. Forsi ngħidu lil dawk. *(b'ħafna entilezza)* Hello.. tistgħu tibdlu ftit ix-xena please?

DORA | Naħseb mhux hekk trid tagħmel. *(tgħajjat)* Oj hemm ... ah qatta' reqdin. Intom se tibdluha x-xena jew inżelliġkom mal-ħajt?

~~**BLACKOUT**~~

---

## *XENA 14A*

***SETT-N ... FULL STAGE...***
***Scaffolding bil-giljottina fuqu.***
***Fil-bogħod cut-out tal-belt bit-twieqi.***

***Joħorġu PIFF u PAFF fuq il-platform.***

PIFF Sa fl-aħħar wasalna fl-isbaħ biċċa.

PAFF Intom tibżgħu xejn mid-demm?

PIFF Meta xi ħadd jaqtgħulu rasu tgħidx kemm itir demm.

PAFF Miskina Miss Ciappara se jkollna tbajjad

PIFF is-sala kollha mill-ġdid.

PAFF Rajtuha sew dil-giljottina?

PIFF Ah... b'biċċa invenzjoni sabiħa dik.

PAFF Meravilja.

***Jippruvawha biex jaraw tahdimx sewwa***

PIFF Wieħed

PAFF tnejn

PIFF Tlieta.

***Jitilquha.***

PAFF Isma', qed ngħid, tridx naraw hawnx xi voluntier li jixtieq nippruvaha ftit?

PIFF Iva... iva... irridu nkunu ċerti li x-xafra misnuna tajjeb.

PAFF Hawn xi ħadd li jrid jippruvha??

PIFF Il-marelli. Arahom x'eċċitament.

PAFF Imxi nagħżlu lil xi ħadd.

***PIFF u PAFF jinżlu qalb l-udjenza u jtellgħu lil xi ħadd.***

PIFF Ħa naraw ftit għonqok.

PAFF Eh.. jidher imqabbad tajjeb. Famuż biex tipprova xafra ġdida fuqu.

SC21 MUSIC

***Hawnhekk irid ikollna ftit improvizzazzjoni mal-persuna li tittella'. Ilibbsuh kappa twila u barnuża lit-toqob għall-għajnejn li tkun tgħattilu wiċċu kollu. Idaħħluh ġol-kwinti u hemmhekk ikun hemm "attur" liebes bħalu li jkollu ras falza.***
***L-"attur" jitressaq lejn il-giljottina u jaqtgħulu rasu barra. Jgħidulu li se jdaħħluh wara l-palk biex iwaħħluhielu f'postha.***
***Joħorġu PIFF u PAFF mal-persuna li jkunu tellgħu (li sa dattant ikun qagħad jistenna fil-kwinti) u jneżżgħulu l-kappa u l-barnuża.***

***DA ta' tnabar fil-bogħod***

PIFF Naħseb wasalna.

PAFF Imxi ħalli nsibu post tajjeb mnejn inkunu nistgħu naraw sewwa.

***PIFF u PAFF jitilqu***

---

SC22 SONG

# *XEN XENA 14B*

NO6

***SETT bħal qabel:***
***FULL STAGE: scaffolding bil-giljottina fuqu.***
***Fil-bogħod cut-out tal-Belt.***

***Id-daqq tat-tnabar jitqawwa ---- It-twieqi tal-Belt JI EGĦLU.***

***Joħorġu PRINCE JOHN, FORĊINA, ERIF, SEFTURI, MAIDE M'ANNE, DORA, FOLLA u I ĦUD MILL-MERRYMEN, PIFF u PAFF.***

PRINCE Ċittadini tal-Belt. Dal-għodu se nwettqu l-ġustizzja mat-tradituri tal-pajjiż. Xerif, aqra s-sentenza.

XERIF (*ja ra minn karta)* Bis-sitta... hmmm bis-setgħa... li tattanni... hemm tagħtini... l-kostallazzjoni... hmmm... kostipazzjoni.... hemmm kostituzzjoni...

PRINCE Forċina! Aqra inti.

FORĊINA Ok Sir. *(joħodlu l-karta minn idu)* Fra Takk... għall-mewt!

SC 22

KANZUNETTA - 11

*(Just you Wait)* T7.

PRINCE
Dan il-jum
Jibqa' mfakkar ... dan il-jum
Għax flimkien il-ġustizzja nwettqu llum.
U dalwaqt sejjer nuri
Kif jitħallsu t-tradituri,
Dan il-jum
Jibqa' mfakkar ... dan il-jum.

FORĊINA
Dan il-jum
Qed inħossni bħal miġnun,
U f'sensija ma nafx sewwa kemm se ndum,
Għaliex jien... mamma mia
Malli nara daqsxejn dmija
Bla ma ndum,
Naqa' sobtu fejn inkun.

PRINCE
Oh... dil-ġurnata
Ili nistennieha għal ma nafx kemm żmien;
Oh ... din xalata,
Għax 'l-għedewwa sa nwassalhom lejn it-tmiem.
Daqt taraw min hu l-viljakk
Xħin inġibu lil Fra Takk
Oh-ħo-ħo
Dil-ġurnata,
Oh-ħo-ħo
X'barumbata
Għal, Fra Takk!

KOR:
Kull min jaħseb li jqarraq u ma jinqabad qatt,
Jew ibagħbas fit-taxxa u ma jinduna ħadd;

Kull min jgħaddi mit-tieqa flok li jgħaddi mill-bieb
Xi darba jsib li dlonk spiċċawlu l-ħbieb!

PRINCE — Hekk minnufih nasal jien
Nuri 'l kulħadd kemm għandi snien!

KOR — U deħlin is-suldati jimmarċjaw,
Biex lill-Fra minnufih jissentenzjaw!
Tistennieh xafra kwieta
Wieħed - tnejn - tlieta:

PRINCE — Oh-ħo-ħo
Dil-ġurnata,
Oh-ħo-ħo
X'barumbata
Għal, Fra Takk!

---

PRINCE — Għażiż Fra Takk.... tixtieq tgħid kelma ta' l-aħħar?

FRA — Nista' flok kelma waħda ngħid tlieta?

PRINCE — Għid kemm trid.... l-aqwa li jkunu ta' l-aħħar.

FRA — Kollox sew. *(jgħajjat)* Viva Robin Hood!

***Iż-żewġ bojja jneħħu l-barnuża u jkunu ROBIN HOOD u wieħed mill-MERRYMEN.***

PRINCE — Suldati!

***Is-suldati jiġru fuqhom u jarrestawhom ilkoll.***

PRINCE — Mela issa mhux esekuzzjoni waħda se jkollna, imma tlieta. Wieħed għal kull kelma li għidt. Sewwa jgħidu li fuq tlieta toqgħod il-borma.

DORA — Kollu tort tiegħi daqkemm ili ngħid li l-kbir għadu ġej. U issa ġie tassew.

**MAIDE M'ANNE** *(lil PRINCE)* Le illustrussimu Sultan. Kulħadd jgħid kemm inti qalbek ħanina. Eħilsu.

**PRINCE** Iva, u tant jiena qalbni ħanina li minflok nagħtih it-torturi se naqtagħlu rasu barra u neħilsuha f'sekonda.

***Toħroġ is-SAHHARA u tmur dritt fuq DORA***

**SAHHARA** Fejn hi Snowwajt?

**DORA** Jaħasra se joqtlu lil ħija.

**SAHHARA** Għandi din it-tuffieħa welenata għaliha.

**DORA** X'għidt tuffieħa welenata?

**SAHHARA** Gidma waħda biss u tistira.

**DORA** Hmmm iva... mela x'inhu. Ħa ngħidlek ftit ara. Snowwajt taf min hi? Snowwajt hija dak *(turiha lil PRINCE JOHN)*

**SAHHARA** Imma Snowwajt tfajla sabiħa.

**DORA** Iva... imma... hmmm.. imma biex ma tagħrafhiex għamlet seħer u nbidlet fi Prince John.

**SAHHARA** [illegible]idha xorta wa46V

**DORA** OK... ħalli f'idejja. Oqogħod hawn.
*(Tersa lejn PRINCE)* Hellow ħi, Prince John. Nista' ngħidlek kelma?

**PRINCE** Xi trid? Mintix tara li għandi ħafna rjus żejda mas-saqajn.

**DORA** Għadha kemm ġiet dik is-saħħara u qed tgħid li għandha tuffieħa maġika li min jikolha jkollu setgħa assoluta u ħadd ma jkun jista' għalih. Isir l-aktar għani u setagħni.

**PRINCE** X'saħħara hi?

DORA — Hemm ara... hawn nanna, ħi... ersaq ftit lil hawn.

PRINCE — *(lis-Saħħara)* X'inhi dil-biċċa tat-tuffieħa maġika?

SAĦĦARA — Tuffieħa ta' potenza bla qies.

PRINCE — U jekk nikolha ma jkun jista' għalija ħadd. Inkun l-aqwa sultan?

DORA — Aqwa mill-President tar-Republika!

PRINCE — Newwilha lil hawn. *(jiddeklama)* Mela llum hija tassew il-ġurnata tal-glorja tiegħi. Minn Prince John... illum se nsir KING John!

***Jieħu gidma mit-tuffieħa... jgħajjat... jaqa' mejjet ma' l-art.***

***Folla ċċapċap.***

***Tidħol SNO AJT***

SNOWWAJT — X'ġara dan il-ferħ kollu?

SAĦĦARA — Snowwajt! Issa ma fadallix tuffieħ aktar. Immur inneħħi ħajti.

DORA — Il-giljottina 'l dik in-naħa qiegħda.

SB

SC 23 intro music

***SAĦĦARA titlaq.***

MAIDE M'ANNE — Ħbieb... u issa li ħlisna mill-kiefer Prince John... Robin Hood se jkun il-mexxej il-ġdid tagħna.

Kulħadd — Viva Robin Hood!

XERIF — *(lil Forċina)* Allura issa Robin Hood se jkun il-kap il-ġdid.... hmmm... u DORA hija oħt Robin Hood. Tajjeb wisq. *(jersa lejn DORA)*

Għażiża tiegħi... kemm qed nifraħ li tinsab qawwija u sħiħa.

SC 23 intro music

DORA — Il-kelma "qawwija" ma tantx togħġobni. Imma qed nieħu gost li għidtli "għażiża tiegħi".

XERIF — Isma' int tassew tħobbni???

DORA — Għandek xi dubju? Trid nurik hawn quddiem kulħadd u nfarrku kemm xenarju hawn???

XERIF — Le.. le... mhemmx għaġla... imma jekk trid.... nitgħarrsu.

DORA — Smajtuha l-aħwa... jien u ż-Żigużajg ta' qalbi se mmorru *honeymoon.*

XERIF — Kemm hi mgħaġġla x'waħda din!

FORĊINA — U allura jien se nibqa' b'xejn???

ŻMAGAT — Ħa ngħidlek Mr. Aħna l merrymen, ilkoll *merry*, imma m'aħniex tassew *men.* Aħna lkoll nisa. Agħżel lil min trid.

FORĊINA — Tassew ??

ŻMAGAT — Minbarra lil Fra Takk!

ROBIN HOOD — U issa jiena u Maide Marianne se niżżewġu u nagħmlu tieġ kbir. U kull min jixtieq jiżżewweġ jista' jiżżewweġ... għax wara kollox... il-pantos dejjem hekk jispiċċaw.

~~SC 23~~ intro ~~music~~

***Joħroġ il-PREŻENTATUR mas-SAĦĦARA.***

PREŻENTATUR — Isimgħu 'l hawn. Taf x'kont qed qed ngħid: Għandna lil Snowwajt, is-saħħara, il-Bojja u l-ħanżir, sebgħa merrymen li jistgħu jkunu nani.... tridux minflok ta' Robin Hood, nagħmlu l-istorja ta' Snowwajt??

KULĦADD — Buuuu *(iduru għalih)* CURTAIN 33 min

LC 2 curtain call

## *SEPARJU*

FADE OUT MUSIC

LC 1 = H.L. ON

70
33
103 MIN

## *KANZUNETTA - 12*

*Curtain Call (S hnee Waltzer)*

ATTURI

Dak li l-aktar hu prezzjuż
M'għandux prezz għax ma jqumx flus,
Il-ferħ jiddi ġo l-għajnejn
Faċilment issibu b'xejn.
Jekk il-ħwejjeġ l-iżjed kbar
Taf issibhom fl-aktar żgħar,
Il-ferħ ta' dan l-istaġun,
Jibqa' miegħek minn jum għal jum.

KOR/ATTURI

Xejn, xejn, xejn, xejn,
Tħalli jnikktek xejn,
Tkunx miġnun
Dejjem bil-geddum;
Xejn, xejn, xejn, xejn
Tfittex ma ssib xejn,
Ħlief id-daħk li tant ġab riżq
Il-ħajja qasira wisq!

KOR

Meta nqallbu ftit fis-skiet
L-album kbir tat-tifkiriet,
Nindunaw li l-isbaħ żmien
Kien dak li għexnieh flimkien,
Meta d-daħk u ċ-ċajt bla sens
Kien il-ħajt li tana l-wens,
U kemm dlonk jeħfief l-piż
B'daħka ċkejkna fil-waqt preċiż!

KOR/ATTURI

Xejn, xejn, xejn, xejn,
Tħalli jnikktek xejn...

THE END

==========================